MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 211/2009

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Intercomp Marketing Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Intercomp Marketing Limited (C20612)**

**vs**

**B.A.S. Limited u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2009 giet kjamata in kawza s-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Gunju 2009 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef hames mija u tlettax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€3,513.36), inkwantu ghal tlett elef, mitejn u tmenin Ewro

u sitta u tletin centezmu (€3,280.36) lis-socjeta’ Atlas Insurance PCC Limited rapprezentanti hlas ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni in konnessjoni ma’ nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghha u spejjez tas-survey relattiv, u mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) lis-socjeta’ Intercomp Marketing Limited rappresentanti l-eccess relattiv, bhala s-socjeta’ inkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema merkanzija rimanenti giet ikkonsenjata lil Intercomp Marketing Limited fit-23 ta’ Lulju elfejn u tmienja (2008).

Bl-imghax mid-data tal-hlasijiet relattivi u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata, li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta B.A.S. Limited pprezentata minnha fl-10 ta’ Awissu 2009, fejn eccepixxiet:

*1. “Illi, preliminarjament l-esponenti m’huwiex il-legittimu kuntradittur u dan in kwantu f’kaz illi jirrizulta li l-atturi effettivament soffrew xi hsara jew telf, tali hsara jew telf giet ikkawzata meta din kienet fil-pussess ta’ terzi ossija s-socjeta’ Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd li ghandha tigi kjamata in kawza wkoll skond (5) hawn isfel.*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, it-talbiet ta’ l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwanut ma jirrizultax illi l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa waqt li din kienet taht ir-responsabbilta’ tas-socjeta’ konvenuta u fi kwalsiasi kaz is-socjeta’ konvenuta ma’ kellha ebda tort jew htija ghar-rigward tan-nuqqasijiet reklamati u ghalhekk l-esponenti m’hijiex responsabbli ghal kwalunkwe hsara jew telf soffert mill-atturi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohrajn, fir-rigward tal-konsenja relattiva japplikaw il-limiti ta’ htija a tenur tar-regolamenti tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR) u tal-MIFA Standard Terms and Conditions.*

*4. Illi, fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta'jiet attrici ghad iridu jippruvaw l-ammont reklamat minnhom liema ammont qieghed jigi kontestat.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess fic-cirkostanzi ghandha tigi ikkjamata fil-kawza is-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited li giet inkarigata bil-garr tal-merkanzija mis-socjeta' konvenuta u dan billi huwa importanti u ekonomiku li tigi stabbilita r-responsabbilta' tal-partijiet involuti f'dan il-kaz f'gudizzju wiehed.*

*6. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandhom xi jaghtu xejn lir-rikorrenti u dan ghaliex it-talba taghhom hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited pprezentata minnha fit-22 ta' Marzu 2010 fejn eccepiet:

*1. "Illi s-socjeta' esponenti, u cioe' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd., ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta'jiet attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost il-pretensjonijiet li s-socjeta'jiet attrici jew dik konvenuta qatt ma' seta' kellhom fir-rigward tas-socjeta' esponenti llum huma dekaduti ai termini ta' l-Artikolu 32(1)(a) tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR) li giet inkorporata fil-ligi nostrana tramite l-Kap. 836 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti m'hijiex responsabbli ghall-ebda danni li allegatament soffrew is-socjeta'jiet attrici stante li s-socjeta' esponenti kkonsenjat il-merkanzija li gie kkonsenjat lilha lid-destinatarju fl-istess stat li rcevietha hi.*

*Ghaldaqstant jekk hemm xi nuqqasijiet fil-merkanzija dan ma sarx meta l-merkanzija kienet taht l-isfera ta' responsabbilta' taghha;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma eccessivi;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe responsabbilta' li tista' tigi mputata lis-socjeta' esponenti hija suggetta ghal-limitazzjonijiet tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR) li giet inkorporata fil-ligi nostrana tramite l-Kap. 836 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta'jiet attrici.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet ix-xhieda ta' **Brian Valenzia** ta' nhar l-10 ta' Gunju 2010 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur mas-socjeta' attrici. Huwa stqarr illi s-socjeta' Intercomp Marketing Limited hija assigurata maghhom u kienet ghamlet claim maghhom dwar serq ta' hames laptops. Ix-xhud esebixxa fil-Qorti numru ta' dokumenti li l-Qorti mmarkathom bhala BV1 li huwa survey report, BV2 subrogation form, BV3 kuntratt tal-garr, BV4 invoice konsistenti f'diversi faccati, BV5 ittra mill-Intercomp lil BAS, BV6 delivery receipt u BV7 lista ta' oggetti li kien hemm fil-konsenja. Huwa qal illi huwa kien mar fuq il-post meta waslet il-merkanzija. Huwa ddikjara illi huma ghaddew il-kaxxi u sabu li kien hemm hames kaxxi nieqsa minn dawk li suppost kien hemm skond il-konsenja BV7 u ghalhekk hallsu lil Intercomp il-valur ta' dawn il-hames kaxxi li kienu nieqsa u giet iffirmata lilhom subrogation form. Meta wasal fuq il-post, il-packing kienet diga miftuha u kienu sabu neqsin il-kontenut bil-kaxxa b'kollox. Huwa qal illi s-survey kien sar fil-25 ta' Lulju 2008 pero' l-konsenja kienet waslet Malta erbat ijiem qabel fil-21 ta'

Lulju. Huwa tenna illi x-xoghol kien wasal ghand l-Intercomp fit-23 ta' Lulju 2009.

Ix-xhud gie mistoqsi jekk is-socjeta' Atlas interpellatx lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas, u wiegeb illi sa fejn kien jaf hu kienet baghtet ittra. Fil-fatt ghandu risposta mibghuta lilhom mis-socjeta' BAS datata 1 ta' Gunju 2009 li giet esebita u mmarkata bhala dokument BV8. Ix-xhud sostna li s-socjeta' BAS offritilhom is-somma ta' mija u hamsa u hamsin Ewro (€155) u dan in terms of limitation of liability. Huwa stqarr illi n-numru li hemm fuq id-dokument BV3 mhux miktub minnu. In-numru ta' fuqu huwa hazin u x-xhud m'ghandux ideja min effettivament seta' kiteb dan in-numru. L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fl-avviz jinkludi s-survey taghhom fl-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300)

Brian Valenzia ikkonferma li l-airwaybill esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument BV3 jirreferi ghall-konsenja ta' mija u tlieta u tletin Ewro (€133) bicca. Din il-karta giet mahruga mid-DHL. Ix-xhud sostna illi s-survey tieghu ma hargux a bazi ta' dan l-airwaybill imma a bazi tal-commercial invoice li giet moghtija lilu mill-klijent. Qal illi DHL tohrog dan id-dokument a bazi tal-klijent taghha li f'dan il-kaz huwa l-BAS Limited. Huwa kkonferma li n-numru fuq is-survey report report tieghu bhala Euro Cargo Valencia 3KR7162 huwa l-istess numru li hemm fuq id-dokument BV3. Skond informazzjoni moghtija lilu mis-socjeta' Intercomp il-merkanzija waslet Euro Cargo Valenzia.

Semghet ix-xhieda ta' **Ian Wirth** nhar l-10 ta' Gunju 2010 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' logistics manager mas-socjeta' Intercomp Marketing Limited. Huwa gie muri numru ta' commercial invoices immarkati komplessivament bhala dokument BV4. Huwa kkonferma illi dawn huma l-invoices li gew mibghuta lilhom minn Dell. Skond din il-konsenja, kellhom jaslu mija u tlieta u tletin kaxxa u effettivament kienu waslu hamsa anqas. Gie muri wkoll dokument BV5 li hija l-ittra mibghuta lilhom lis-socjeta' BAS Limited rigwardanti laptops li kienu neqsin u qal ukoll li hemm delivery receipt li hi mmarkata bhala dokument BV6 iffirmata minn rapprezentant taghhom u

fiha hemm notament tal-laptops li kienu nieqsa l-hamsa li huma. Huwa ra dokument BV7 fejn qal li hija l-costing sheet taghhom ntern fejn qed juru li hemm dawk il-hames laptops neqsin bil-valur taghhom. Ix-xhud gie muri s-subrogation form esebiti f'dawn l-atti li hija mmarkata bhala dokument BV2 u qal li hi ffirmata mid-direttur finance u administration. Mistoqsi jekk effettivament din il-konsenja gietx bl-ajru jew bil-bahar qal illi mid-dokument esebit bhala dok BV3 jista' jkun li l-oggetti gew Malta bi truck load imma ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma. Huwa qal illi n-numru li hemm miktub fuq il-parti ta' fuq tad-dokument BV3 ma kitbux hu.

Semghet ix-xhieda ta' **Kevin Grech** nhar l-10 ta' Gunju 2010 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' store keeper mas-socjeta' Intercomp Marketing Limited. Gie muri d-dokument BV6 li huwa d-delivery receipt u fuqha gharaf il-firma tieghu taht *received in good condition and condition*. Huwa qal li dan id-dokument intela' wara li jigu ezaminati u mghoddija l-pallets li jkunu waslu. Ix-xhud stqarr li fit-23 ta' Lulju 2008 kienu waslu hames laptops inqas. Zied illi fil-fatt meta tasal il-merkanzija huwa jghoddhom flimkien mar-rapprezentant tal-BAS. Effettivament ir-rapprezentant ta' BAS f'dan il-kaz R Abdilla iffirma fuq id-delivery receipt li hu dokument BV6. Il-merkanzija kif isir dejjem ikunu ssigillati, anke f'dan il-kaz ghalhekk in-nuqqasijiet indunaw bihom wara li fethu s-*sealing package*. Mistoqsi jekk kienx laptop jew kaxxa shiha li kienet nieqsa, qal illi ma jiftakarx f'dan il-kaz. Huwa tenna li kienu ssigillati kollha bil-plastik iswed. Mistoqsi jekk f'dan il-kaz it-trailer kienx wiehed groupage jew shih qal illi ma jafx. Lanqas ma jkun jaf jekk il-merkanzija tkunx waslet bl-ajru jew bil-bahar.

**Ian Wirth** kompla jixhed nhar it-13 ta' Ottubru, 2010 fejn ikkonferma li l-konsenja ta' dawn in-notebook komputers u l-merkanzija kollha saret permezz tal-bahar. Huwa stqarr illi huma jordnaw din il-merkanzija minghand id-Dell, li ghandhom id-depot taghhom fl-Ewropa Tillbourg l-Olanda. Hemmhekk tispicca r-responsabbilta' tad-Dell u tibda taghhom. Il-merkanzija torigina mill-Ingilterra u minn hawn sa Tillbourg huma responsabbli d-Dell. Sussegwentement

qal illi huma jaqbdu lil BAS Limited biex taqbad din il-merkanzija mill-Olanda u ggibha Malta u ghalhekk tkun responsabbli l-BAS. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-BAS fil-fatt qabbadx lil haddiehor ghal dan l-inkarigu qal li iva jaf li f’Lulju tal-elfejn u tmienja kienu qabbdu lil Fahrenheit Trading. Huwa sostna li ghalihom il-BAS jibqghu dejjem responsabbli. Ix-xhud tenna li huma jivverifikaw biss li l-merkanzija li titlaq mill-Olanda tkun skond id-dokumenti.

Ix-xhud ikkonferma li darba minnhom kienu telghu l-Olanda flimkien mar-rapprezentant tal-BAS biex jaraw x’kien qed isir hazin. Il-BAS Limited m’ghadiex tqabbad lil Fahrenheit Trading imma huma ghadhom juzaw il-BAS Limited. Huwa qal illi BAS ma qabbdux aktar lil Fahrenheit ghax fil-fehma taghhom kien hemm in-nuqqasijiet. Illum il-gurnata BAS juzaw lil haddiehor. Huwa stqarr li meta BAS kien qed juza l-Fahrenheit kien hemm zewg claims imma llum il-gurnata m’ghadx hemm claims. Huma bhala Intercomp ma qabbdux lil Fahrenheit direttament, kollox sar tramite BAS.

Wirth iddikjara illi mhux il-merkanzija kollha tasal shrink wrapped. Huwa zied jghid illi l-BAS fil-fatt tqabbad lis-socjeta’ Danzas minn gewwa l-Olanda u x-shrink wrapping tal-merkanzija taghhom issir gewwa dan id-depot. Huwa ma jafx min jaghmel dan ix-shrink wrapping imma jaf li jsir fid-depot tad-Danzas.

Huwa tenna li f’kazijiet rari, gieli gabu xi merkanzija bl-ajru izda kien rarissimu li jkun hemm nuqqasijiet meta kienu jgibu merkanzija bl-ajru u dan sehh snin ilu. Mistoqsi jekk ikunx hemm mezz ta’ identifikazzjoni fuq ix-shrink wrap, qal illi le mhux necessarjament.

Semghet ix-xhieda ta’ **Mario Debono** tal-15 ta’ Novembru, 2010 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta’ Deputy General Manager mas-socjeta’ BAS Limited. Fost ir-responsabbilitajiet illi ghandu, qal illi huwa jiehu hsieb il-claims li jidhlulhom. Huwa kkonferma li s-socjeta’ Intercomp hija klijenta taghhom. Huwa qal li huma kienu gew moghtija struzzjonijiet biex jixtru ammont ta’ laptops minn gewwa l-Olanda u sussegwentement iwassluhomlu

sa l-imhazen tieghu hawn Malta. Ix-xhud qal illi huma kienu qabdu lis-socjeta' Fahrenheit u talbuhom sabiex jigbru 53 laptops minn gewwa dawn l-imhazen fl-Olanda li huwa l-istess ammont li gew mitluba jghabbu mis-socjeta' Intercomp. Huwa sostna li meta wasal ix-xoghol Malta, huma kienu marru ghand il-Fahrenheit, iccekjaw in-numru ta' *pallets* bin-numru ta' *cartons* li kien hemm fuqhom u sabu li kien hemm ammont minnhom nieqes. Mistoqsi kemm kien l-ammont, qal li ma jiftakarx.

Ix-xhud qal illi huma kienu rcevew e-mail minghand Brian Abdilla ghan-nom ta' Fahrenheit biex jghidilhom x'sab meta hu kien mar l-Olanda u qal illi huwa kien sab li kien hemm mija u tlieta u tletin carton u qal li gew hawn Malta, minn gewwa l-imhazen tal-Fahrenheit hawn Malta kien hemm mija u tlieta u tletin carton li minnhom hamsa u tletin minnhom kienu laptops liema laptops kienu mhobbijin fuq tliet pallets. Sab ukoll illi t-trailer li kien gabarhom kien trailer numru 417, ghalkemm effettivament il-merkanzija waslu fuq trailer numru 735 u qal li minn hamsa u tletin laptop sab hamsa minnhom neqsin u ghalhekk effettivament mhux hamsa u tletin kien hemm imma tmienja u erbghin.

Mario Debono qal li huma staqsew lil Brian Abdilla sabiex jaghtihom din l-ispjegazzjoni ghax kienu siefru mar-rapprezentant taghhom tal-Intercomp, ghand id-DHL fejn kollox kien a spejjez taghhom u wara li raw il-procedura min-naha tad-DHL ma kienux konvinti li l-problema kienet ghand id-DHL. Ghalhekk wara li kienu gew lura kienu ntroducew mizura gdida illi appena tasal il-merkanzija minn barra jrid isir ic-checking tal-oggetti qabel ma effettivament imorru ghand il-Fahrenheit u l-iccekjar irid isir gewwa l-warehouse tal-Fahrenheit qabel ma' jittiehed ix-xoghol ghand il-klijent u x-shipping instructions li huma jaghtu lil Fahrenheit iridu jispecifikaw in-numru ta' laptops li qeghdin jingabru minn barra minn Malta u n-numru ta' laptops li se jkunu mqassmin hawn Malta. B'hekk ikunu obbligaw lil Fahrenheit biex meta jkun barra minn Malta jkun qed jghoddu xi jkun qed jingabar.

Ix-xhud sostna illi Fahrenheit qatt ma nfurmathom li kienet gabret inqas. Huwa esebixxa kopja tal-email ta’ Ryan Abdilla li gie immarkata bhala dokument MD1. Esebixxa wkoll bhala dokument MD2 li huma ritratti tal-konsenja in kwistjoni. L-BAS topera taht is-CMR conditions. Mistoqsi jekk waslux ghal xi ftehim mal-Fahrenheit dwar dan il-kaz in kwistjoni qal illi le, il-Fahrenheit qalu li huma wasslu l-merkanzija kif gabbruha. Qal li wara li sabu li kien hemm xi konsenji ohrajn nieqsa ma setghux juzaw aktar lil Fahrenheit u minn dak inhar l’ hawn ma kellhomx aktar problemi.

Ix-xhud iddikjara illi l-BAS huwa l-agent esklussiv tad-DHL *global forwarding*. L-ghazla li titqabbad is-socjeta’ Fahrenheit kienet dik esklussiva ghal BAS. F’dan il-kaz il-procedura kienet li l-merkanzija ngabret minghand id-DHL, il-merkanzija ttiehdet fid-depot tad-DHL minn rappresentanti tad-DHL, u giet pallatised mid-DHL quddiem rapprezentanti tal-Fahrenheit ghaliex kellu jikteb kemm-il laptop kien gej Malta, pero’ l-palletising xorta sar mid-DHL. Ix-xhud jaqbel illi r-relazzjoni bejn l-Intercomp hija biss mal-BAS. Mistoqsi fejn effettivament marru dawn il-hames laptops neqsin wiegeb illi huma ghamlu claim ghand il-Fahrenheit u baqghu bil-claim. Huma ma kellmu l-ebda xufier tal-Fahrenheit. Huwa minnu li bejn il-BAS u l-Fahrenheit hemm CMR Conditions. Il-laptops li jigu Malta jigu b’kull laptop kaxxa ghalih. Il-Fahrenheit ma kelliex access ghal-kontenut tal-kaxxi. Ix-xhud qal li f’dan l-kaz kien hemm hames kaxxi neqsin. Mistoqsi jekk ghandux kopji tal-istruzzjonijiet li huma kienu taw lil Fahrenheit, fir-rigward ta’ biex jigu mghoddija n-numru ta’ laptops, qal li ma kellux fuqu imma kellu l-ufficcju. Mistoqsi jekk tax kwotazzjoni lil Fahrenheit kemm ha jiswa dan il-vjagg partikolari, qal li ma jafx jekk sarx. Huwa pprometta li jaghmel ricerka sabiex jara jekk kienx hemm dokument f’dan il-lat.

Ix-xhud qal illi r-ritratti a fol MD2 u MD3 kienu gew mehuda minn Ryan Abdilla, rapprezentant tas-socjeta’ BAS. Huwa sostna illi l-plastik iswed imdawwar mal-konsenja MD2 u MD3 m’humiex shrink pack imma huwa plastik iswed regolari. Qal illi s-soltu shrink pack ikun

imdawwar mal-kaxxa. Mistoqsi jekk huma tawx struzzjonijiet sabiex l-oggetti jigu shrink wrapped, qal illi ma jafx li gara hekk f'dan il-kaz. Mistoqsi jaghti spjegazzjoni ghaliex kien hemm dan il-qtugh fir-wrapping qal li mhux f'posizzjoni li jwiegeb.

Rat in-nota ta' B.A.S Limitedipprezentata minn Dr. Philip Magri nhar id-19 ta' Jannar 2011 li permezz taghha esebixxa ix-xhieda moghtija minn **Raymond Borg** fil-kawza diversament presjeduta Rik. Gur. Nru. 1175/08 JRM fl-istess ismijiet fejn iddikjara illi huwa sales commercial manager mas-socjeta' BAS ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Il-funzjoni principali tieghu hija li jgib il-klijenti lejn il-kumpanija u fl-istess hin jahdmilhom is-servizz skond l-esigenzi tal-klijent. Huwa kkonferma li l-Intercomp hija klijent taghhom. Ix-xhud spjega illi l-arrangament li hemm bejnu u bejn l-Intercomp huwa li l-Intercomp jibghatulhom l-ordnijiet fejn dawn l-ordnijiet jigu pprocessati minnghand Dell minn barra. Il-kumpanija DHL rapprezentata minnhom tigi nfurmata b'dawn l-ordnijiet u dawn jinfurmaw lilhom u lil Intercomp hawn Malta jekk ikunux lesti. Ix-xhud qal li l-punt tat-tluq ta' dawn l-ordnijiet huwa mill-Olanda.

Dan ix-xhud qal illi l-process tat-tragitt huwa li d-DHL ghandhom *cut of times* li jingabar mid-Dell sat-Tlieta massimu l-Erbgha. Ix-xoghol jigi kkonsenjat minghand id-DHL u jigi processat billi jigi ccekjat biex jaqbel ezattament mal-ammonti li jkunu ntbaghtu minghand id-Dell. Dan ghandhom sistema ta' sigurta' u sistema bil-komunikazzjoni tal-internet li ghandhom link bejniethom u bejn ix-shipments u meta jingabru minghand id-Dell biex imorru DHL, dan it-trakk jitghabba u jigi sigillat minghand id-Dell u jinfetah meta jasal ghand id-DHL. Ix-xoghol jigi skannjat ghand id-DHL biex jaqbel mad-dokument li jkun intbaghat minghand id-Dell ghal ghand id-DHL tal-ordnijiet kollha li suppost ghandhom jaslu. Id-DHL imbaghad jibaghtu notifikazzjoni lix-xhud fejn jghidulhom li l-affarijiet qeghdin ghandhom lesti u se jigu palletised. Ix-xhud tenna li meta jigu palletized ikunu miksija bil-plastik iswed minn barra u ma jkunux jistghu jaraw x'hemm fihom. Dawn jaghtu lix-xhud id-dimensjonijiet tal-pallets biex jibbukjaw l-

ispazju mas-sub contractor taghhom li huwa l-Fahrenheit. Ix-xhud imbaghad jaghti d-dettalji lil Fahrenheit ta' meta jrid jigbor, u dawn jaghtuh lura l-isem tax-xufier u tat-trakk halli javzaw lis-security tad-DHL biex ikun jista' jidhol. Wara jghaddi l-hin u l-gurnata lil Fahrenheit halli jmorru fil-warehouse tad-DHL. Ix-xhud sostna illi ma jafx x'isir wara li t-trailer ikun telaq minn hemm. Is-servizz li jitolbu minghandhom huwa li jmur jigbor biex igibuhulhom.

Ix-xhud stqarr illi f'dan il-kaz, it-trailer kien *groupage* ta' xi sebgha jew  tmien *loading metres*. Huwa tenna li meta f'dal-kaz it-trailer tela' Hal Far biex tinhatt il-merkanzija, peress li kien hemm ammont sostanzjali ta' xoghol, ma kienx worth it li thott u terga' tghabbi. Ghalhekk in-nies tieghu ssigillaw it-trejler u l-Fahrenheit stess nizel bit-trejler issigillat bl-istess trakk li gie minn barra ghand il-klijent u nfetah fil-presenza tal-Intercomp. Huwa qal illi Ryan Abdilla kien mar fuq il-post.

Raymond Borg iddikjara illi kellhom kazi simili ta' dan kwazi kull gimgha. L-istess service provider u x-xoghol kien jaslilhom bin-nuqqas u ghalhekk wahda mill-azzjonijiet illi ghamlu kien li qabbdu xi hadd mill-Intercomp u ghas-spejjez kollha taghhom telghu l-Olanda ghand id-DHL biex jaraw il-process kif isir. Ian Wirth kien ukoll tela' l-Olanda. Huwa kkonferma illi l-Intercomp kienu sodisfatti b'dak li raw l-Olanda. Wara certu zmien, huma biddlu s-*service provider*. Ix-xhud tenna illi wara xi ftit ta' zmien iehor jahdmu, dahhlu klawsola ohra fejn ix-xufier beda jiffirma ghal certu xoghol, jigifieri jekk hemm hamsa u ghoxrin laptop, ix-xufier jarhom, jghoddhom u jiffirma ghall-ammont u wara jigu palletized quddiemu u hu jghabbihom. Huwa sostna illi x-xufier ikun jista' jidentifika l-oggetti ghax il-kaxxi jkunu bir-ritratt u kulhadd jaf kif inhuma. Ix-xhud stqarr illi din is-sistema xorta ma hadmitx ghax wara li hadmet darbtejn, mat-tielet darba rega' kien hemm in-nuqqas. Kien hawnhekk li ddecidew li jibdlu s-*service provider*. Biddluh u wara sentejn jahdmu bih, qatt ma sabu xejn nieqes.

Ix-xhud in-kontro-ezami ikkonferma illi DHL u Danzas huma l-istess grupp. Mistoqsi li jekk ma jkunx hemm ix-

xoghol kollu u d-DHL imorru jigbruh, id-DHL jivverifikaw mal-Intercomp jekk ghandux igibu dak li sabu biss jew kollox, wiegeb li iva. Huwa kkonferma li meta d-DHL ma jikkomunikawx mal-Intercomp, dan ifisser li d-DHL gabru kollox. Huwa qal illi jekk fit-trailer ikun hemm merkanzija ohra ta' haddiehor, din tkun diga nhattet qabel ma jmur Hal Far ghax Hal Far ikun l-ahhar stadju qabel ma jitlaq it-trailer vojt. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-verifiki maghmula minn Fahrenheit isiru fl-imhazen tad-DHL qabel ma' tingarr il-merkanzija hawn Malta.

Rat in-nota tas-socjeta' kjamata fil-kawza Fahrenheit Freight Forwarders Limited ipprezentata minn Dr. P. Micallef Grimaud nhar it-28 ta' April 2011 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' **Josianne Galea,** liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. FF 1.

**Josianne Galea** iddikjarat illi hija qed taghmel dan l-affidavit in konnessjoni ma' din il-kawza li tikkoncerna l-garr ta' merkanzija minn DHL Danzas Air & Ocean gewwa Schiphol, l-Olanda sa Malta, liema garr sar mis-socjeta' Fahrenheit permezz ta' trailer numru TR735 li wasal Malta fil-21 ta' Lulju 2008. Ddikjarat illi hija tahdem ma' Fahrenheit fejn tokkupa l-kariga ta' sales manager u ilha ghal dawn l-ahhar hames snin. Hija qalet illi xogholha huwa li tiehu hsieb l-ordnijiet ta' klijenti u cioe' li tipprovdi fee quotes, taqbel dwar it-terms tal-garr mal-klijent u finalment taccetta, f'isem Fahrenheit, l-ordnijiet li jsiru abbazi tat-terms li jkunu gew accettati. Hija kienet responsabbli tal-ordni tas-servizz li pprovdiet Fahrenheit fil-garr ta' merkanzija. Hija sostniet li ghalkemm setghet ma kinitx hija li tkellmet mal-klijent, is-sales team taghhom kien jikkonsisti fiha u f'*sales assistanti* ohra, certu Rebecca Mangion, li kienet taht ir-responsabbilta tax-xhud u li kienet izzommha nfurmata f'kull pass li taghmel u kienet taghmel l-affarijiet bil-kunsens taghha.

Ix-xhud sostniet illi fir-rigward tal-BAS huma kellhom arrangament u procedura *standard* ghall-vjaggi kollha li kienu jaghmlu ghalihom fir-rigward tal-konsenji tal-Intercomp. Dan peress illi kien qed ikollhom *weekly bookings* tal-istess tip, jigifieri b'rekwiziti simili fejn il-vjagg

kien ikun dejjem l-istess, cioe' minn Schiphol gewwa l-Olanda ghal Malta permezz ta' trailers.

Ix-xhud qalet illi l-arrangament taghhom ma' BAS kien jikkonsisti illi BAS jghidulhom kellhomx bzonn ta' *full load trailer* fejn it-trailer ikun dedikat kollu kemm hu ghal vjagg specifiku ta' BAS, jew inkella *groupage trailer* fejn jinqasam ma' numru ta' klijenti. Fil-kazijiet fejn kien ikollhom bzonn ta' *groupage trailer*, il-BAS kienet tordna nilli tinfurmhom meta taghmel l-ordni, l-ispazju li kien ikollhom bzonn li jigi riservat ghalihom gewwa t-trailer partikolari. Dan kien qed jigi kalkolat f'*loading metres*. In-noll, ossia freight li kien jigi ccargjat minnhom lill-BAS kien jiddependi jekk il-vjagg kienx *full load* jew *groupage trailer*, u fil-kaz ta' *groupage trailer* in-noll kien jigi kalkolat skont il-*loading metres.*

Hija kompliet tghid illi ghal kull vjagg li l-BAS kienet tqabbadhom, huma kellhom procedura ta' booking fejn il-BAS kienet tikkuntatjhom b'email u tordna *full load* jew *groupage trailer*. Fil-kaz ta' *groupage trailer* kienet tinfurmhom bil-*loading metres* kellhom bzonn fit-trailer. Sussegwentement, kienet tinfurmhom bin-numru ta' *pallets* u l-*gross weight* li kienu ser jigu mghobbija fit-trailer u b'deskrizzjoni generali tal-merkanzija li kienet ser tkun fuq il-*pallets*. Din il-merkanzija dejjem kienet tigi riferuta bhala *computer parts and accessories*. Hija ddikjarat illi l-istruzzjonijiet taghhom ghal dawn il-vjaggi kienu li jipprovdu trailer gewwa l-*bonds* ta' DHL gewwa l-Olanda. Hemmhekk jigu mghobbija l-*pallets* min-nies tad-DHL stess gewwa t-trailers taghhom u huma jgibu l-konsenja Malta.

Josianne Galea stqarret illi fir-rigward tal-konsenja mertu tal-kaz, cioe dik li waslet Malta fil-21 ta' Lulju 2008, hija qalet illi fil-15 ta' Lulju 2008, il-Fahrenheit kienet irceviet *email* minn rapprezentant tal-BAS, certu Marika Boxman, fejn talbu lill-Fahrenheit sabiex jibbukjaw il-*weekly collection* u fejn ukoll tawha ndikazzjoni illi l-volum tal-merkanzija li kellha tingabar kienet ta' bejn wiehed u iehor 1 *loading metre*. Ms. Boxman kitbitilha wkoll il-*collection address* tad-DHL Global Forwarding kif ukoll l-isem u d-

dettalji tat-telefon u fax tal-persuna inkarigata minn *Dell Export Operations* u cioe Jos Leeuwe. Fis-16 ta' Lulju 2008 ircivew email minn Jos Leeuwe, rapprezentant tad-DHL gewwa l-Olanda, fejn ikkonferma illi d-driver bit-truck u t-trailer taghhom kien diga wasal fil-facilita' taghhom u li kienu sejrin jibdew jghabbu malajr. Mr. Leeuwe kkonferma wkoll id-daqs tat-3 pallets li kien sejjer jghabbi. Din l-email kienet ukoll mibghuta lil Ms. Boxman. Din il-korrispondenza giet annessa u mmarkata bhala Dok. JG1.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Zerafa** pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2011, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. FF 2, fejn iddikjara illi huwa jahdem ma' Fahrenheit fejn jokkupa l-kariga ta' *operations manager* u ilu jahdem ma' Fahrenheit fl-istess kariga ghal hdax-il sena. Xogholu huwa li jiehu hsieb l-operat tat-trailers barra minn Malta fejn jara' illi jibghat it-trailers taghhom biex jigbru x-xoghol skont l-ordnijiet li jkunu ghalqu s-*sales team* tal-Fahrenheit.

Anthony Zerafa sostna illi l-BAS kienet tqabbadhom b'mod regolari biex jigbru xoghol destinat lil Intercomp minghand id-ditta DHL gewwa Schiphol, l-Olanda. Qabel ma' kienu bdew jipprovdu dan is-servizz lill-BAS fir-rigward tax-xoghol destinat lill-Intercomp, kienu gew maqbula bejn il-BAS u l-Fahrenheit il-kundizzjonijiet tas-servizz taghhom. Fil-fatt impjegati tal-BAS li kienu Ray Borg u Marika Boxman, kienu tkellmu maghhom fuq xoghol ta' gbir ta' merkanzija li huma kienu hadu minghand l-Intercomp, ditta lokali li timporta computers. Id-diskors kien bazat fuq in-noll tal-garr tal-merkanzija li kienu ser izommu ghal dan ix-xoghol, li kien sejjer ikun frekwenti hafna u li tieghu kien ser ikun hemm volum kbir, u t-*terms and conditions* li tahthom il-Fahrenheit kienet ser tipprovdi s-servizz.

Huwa stqarr illi l-BAS u l-Fahrenheit kienu ftehmu fuq zewg prezzijiet ta' noll li kellu jigi ccargjat jekk il-vjagg kien jirrikjedi *full load trailer* u f'dak li kellu ccargjat f'kaz ta' *groupage trailer*. Il-BAS kienet tiddeciedi r-rekwiziti taghha ghal kull vjagg, jekk jipprovdux *full load* jew *groupage trailer.* F'kaz ta' *groupage trailer* il-prezz tan-noll li kienu

jiccargjaw lill-BAS kien jigi stabbilit skont l-ammont ta' *loading metres* li kienu jigu mghobbija mid-DHL fit-trailer ta' Fehrenheit.

Huwa zied jghid illi l-BAS kienet ukoll accettat illi huma joperaw taht is-CMR Convention u/jew l-Istandard Trading Terms. Dawn huma kundizzjonijiet li japplikaw dejjem ghal kull konsenja u jipprovuhom ukoll fuq kull kwotazzjoni illi jaghtu. Il-BAS qatt ma ghamlet l-ebda riserva fuq dawn il-kundizzjonijiet u kieku kienet taghmel dan, huma kienu jirrifjutaw illi jipprovdu s-servizz.

Anthony Zerafa tenna illi f'dak li kellu x'jaqsam mal-*operations* u mieghu, l-arrangament kien li ghal kull vjagg li kienu jaghmlu, il-BAS jghidulhom minn qabel il-vjagg kemm *loading metres* li l-merkanzija kienet tokkupa jew in-numru ta' *pallets*, kellhom jghabbu f'dak il-vjagg partikolari, halli hu jkun jista' jirriserva l-ispazju necessarju ghal dan ix-xoghol fit-*trailer* jew *trailers* li kienu ser juzaw ghal dak il-vjagg. Ix-xhud stqarr illi l-operat tal-merkanzija tal-BAS, skont il-ftehim bejn Fehrenheit u BAS, kien jikkonsisti billi l-Fehrenheit tibghat trailers skont il-volum tax-xoghol tal-vjagg partikolarai ghand id-ditta DHL f'Schiphol fejn hemm l-istess ditta kienet tghabbi l-pallets gewwa t-trailers taghhom. Hawnhekk Zerafa xtaq  izid illi dejjem kellhom kellhom struzzjonijiet mill-BAS biex jaccertaw li jigbru jew *loading metres* jew in-numru ta' *pallets*. Fil-fatt kienet tkun din ic-cifra illi kienet tigi specifikata lilhom fl-ordni li kienet taghmel il-BAS ghal kull vjagg.

Zerafa ikkonferma illi kien hemm kazijiet ukoll fejn il-BAS kienu juzaw is-*sales team* tal-Fahrenheit biex imorru jghabbu ghand id-DHL Shiphol minghajr ma' kienu jtuhom l-ammont ta' *loading metres* jew pallets li kienu ser jitghabbew u f'kazijiet bhal dawn, huwa kien jibghat trailer shih vojt u sakemm jasal it-trailer ghand id-DHL jircievi minghand il-BAS, *tramite s-sales team* taghhom l-ammont ta' *loading metres* jew *pallets* li kienu ser jintbaghtu Malta. Huwa qal illi l-BAS qatt ma taw xi struzzjonijiet specjali barra dawn li ddeskriva hu ghaliex kieku hu kien ikun jaf

bihom u kien jaghmel l-arrangamenti necessarji biex jahdem skont l-istruzzjonijiet.

Huwa kompla zied illi meta jasal ix-xufier bit-*truck* u t-*trailer* ta' Fahrenheit ghand il-warehouse tad-DHL gewwa Schiphol, dan kien isuq b'lura mal-*loading bay* ta' DHL u l-impjegati tal-istess ditta kienu jghabbu l-pallets, li kienu jkunu diga lesti mdawrin b'plastik iswed, gewwa t-trailer. Ix-xufiera kienu jghidulu illi kienu biss jithallew joqghodu hdejn il-bicca tal-warehouse tad-DHL magenb it-*trailer* biex ikunu jistghu jaraw il-*pallets* jitghabbew gewwa l-istess trailer izda huma qatt ma thallew jidhlu aktar minn hekk gewwa l-warehouse tad-DHL. Allura x-xufiera kulma setghu jaraw kien il-pallets dehlin gewwa t-trailers. Qatt ma setghu jaraw il-kontenut tal-pallets ghax dawn kienu jitilghu fuq it-trailer imdawrin bil-plastik. Huwa gieli kellu lmenti minn xufiera li dawn ma thallewx ukoll joqghodu hdejn il-*loading bay* biex ikunu prezenti ghat-tghabija izda jibqghu fit-truck taghhom. Din is-sitwazzjoni ma kinitx tigri ta' spiss izda meta jkun hemm xi hadd differenti inkarigat mill-warehouse tad-DHL u normalment meta kien ikollhom jghabbu trailer shih tad-DHL u jissigillaw it-trailer tad-DHL stess, imbaghad it-trailer kien jibqa' bl-istess sigill sakemm dan jinkiser hawn Malta mill-BAS stess jew mill-klijenti taghhom, l-Intercomp.

Anthony Zerafa sostna illi mhux dejjem kien ikun jaf kemm pallets jew loading metres kienu ser jitghabbew go t-trailer, hu kien jghid lix-xufier biex joqghod attent biss ghal kundizzjoni tal-pallets li kienu jitghabbew gewwa t-trailer u jiffirma d-dokument moghti lilu mid-DHL meta jkun sodisfatt li ma kien hemm l-ebda pallet miftuh jew imcarrat jew b'xi mod danneggat. Ix-xufiera tieghu qatt ma gibdulu l-attenzjoni b'telefonata illi kien hemm xi haga hazina waqt it-tghabija. Huma dejjem sabu x-xoghol lest b'*shrink wrapping* imdawwar mal-pallets u n-nies tad-DHL lesti biex jghabbu x-xoghol. Qatt ma kellu xi lmenti li x-xoghol gie presentat sfuz jew inkella mhux *shrink wrapped*.

Ix-xhud qal illi kien biss wara l-BAS u l-Intercomp sabu b'mod regolari f'diversi konsenji nuqqasijiet minn gewwa x-*shrink wrapped pallets* u, sa fejn kien jaf hu,

rapprezentanti tal-istess Intercomp u BAS kienu telghu ghand id-DHL gewwa Schiphol biex jaraw x'kien qed jigri, illi l-BAS talbitu biex ix-xufiera taghhom jibdew jghoddu l-kartun sfuz fuq il-pallet ghand id-DHL flimkien ma' mpjegati tad-DHL stess u wara li jaqblu fuq l-ammont ta' kartun il-*pallet* jigi *shrink wrapped* quddiem ghajnejhom u mbaghad immedjatament jitghabba gewwa t-trailer.

Wara li kien sar dan l-arrangament, ghalkemm ix-xufiera kienu jghoddu l-kartun ma' rapprezentant tad-DHL, huma qatt ma setghu jkunu jafu jekk il-kartun kienx mimli jew vojt bil-merkanzija ghaliex huma dejjem ghaddew il-kartun ta' barra jigifieri l-outer packing. Huwa qal illi seta' kien hemm computers gewwa u seta' kien hemm tajjar ghax ma tkunx tista' tinduna meta l-kartun ikun maghluq.

Wara li x-xoghol kien jitghabba gewwa t-trailer dan l-istess trailer kien jigi sigillat mid-DHL stess. F'kaz ta' *full load trailer*, is-sigill kien dejjem isir mid-DHL u jitnehha mill-BAS jew l-Intercomp hawn Malta. F'kaz ta' *groupage trailer* fejn it-trailer kien jifdallu spazju biex jitghabba xoghol iehor, is-sigill tad-DHL kien isir xorta u jinzamm sakemm it-trailer jasal fil-post fejn irid jitghabba x-xoghol l-iehor. Hawnhekk bil-fors kellu jinkiser dan is-sigill u meta jitlesta t-taghbija tal-merkanzija jerga jinghalaq it-trailer u jigi sigillat b'sigill iehor sakemm dan jasal Malta. Huwa sostna illi f'kaz ta' *groupage trailer* dan kien jingabar mix-xufiera lokali tal-Fahrenheit mix-xatt, jigi hdejn il-mahzen taghhom f'Attard u jhottu x-xoghol biex ikun jista' jitqassam b'vetturi izghar dejjem skond il-volum.

Huwa gieli ra dawn il-pallets tal-BAS b'ghajnejh ghax l-ufficju tieghu kien mal-mahzen tal-Fahrenheit u seta' jikkonferma illi dawn kienu dejjem jigu shrink wrapped b'plastik iswed. Il-plastik ikun imdawwar b'certa tensjoni ghax inkella jiccaqlaq ix-xoghol fuq il-pallet waqt il-garr u jista' jizzarma u jaqa'.

Fil-kaz tax-xoghol tal-BAS li kien ra', seta' jikkonferma illi l-pallets kollha kienu mdawrin b'plastik iswed sa fuq nett. Huwa stqarr illi x-shrink wrapping kien jibqa' tiela sal-

ahhar filata tal-pallet u kien idur u jitrikkeb mal-faccata ta' fuq tal-pallet.

Huwa kkonferma illi huwa qatt ma' ra' l-pallets tal-BAS li kienu jidhlu gewwa l-mahzen taghhom b'xoghol imcaqlaq jew nieqes. Huwa kkonferma illi x-xoghol qatt ma' kien imbaghbas. Li kieku xi xoghol kien gie nieqes wara li jkunu gew shrink wrapped, huwa kien jinduna ghaliex ix-shrink wrapping kien ikun jidher laxk, jigiferi qisu sejjer jizloq minn max-xoghol. Il-plastik ikun *stretched* hafna u ghalhekk malli jitnehhew xi kaxxi mill-pallet dan il-plastik jew jitqatta' jew inkella jillaxka b'mod illi tinduna bih facilment. La darba x-shrink wrapping jitnehha jew jillaxka dan ma jkunx jista' jerga jitpogga fuq il-pallet izda jkun irid jitnehha kollu u jsir wiehed gdid. Dan isir permezz ta' magni apposta.

Zerafa rrefera ghal dak li setghu isostnu r-rapprezentanti tal-BAS jew l-Intercomp u qal li l-ebda kaxxa ma tista' titnehha mill-parti ta' fuq tal-pallet minghajr ma' haddiehor jinduna ghax malli titnehha l-icken kaxxa, ix-shrink wrapping jillaxka u ma jkunx jista' jitpogga f'postu. Kaxxi mit-tieni u t-tielet filliera ma' setghux jitnehhew ghax lanqas ma' tista' tiddahhal id u taqbad il-kaxxa minhabba t-tensjoni li biha l-kaxxi jkunu ma' xulxin u anke jekk seta' jsir dan, ix-shrink wrapping jitqatta'. Minbarra hekk, l-ispazju vojt li jkun hemm wara li titnehha kaxxa tkun trid timtela' nkella x-shrink wrapping ikun jidher sew li qieghed laxk u li hemm spazju li mhux suppost fih.

Huwa kompla jghid illi meta kien jghabbi trailer shih bix-xoghol tal-BAS, u t-trailer kien jasal Malta, il-Fahrenheit kienet tibghat xufier impjegat taghha biex tigbed it-trailer minn gewwa l-port u twasslu direttament ghand l-Intercomp gewwa l-Marsa, fejn burdnara tal-BAS kienu jiksru s-sigill, jifthu t-trailer u jhottu l-pallets ghal gewwa l-mahzen tal-istess ditta Intercomp. Billi x-xoghol kien pallets, ma kienux idumu jhottu trailer shih allura hu kien jghid lix-xufier taghhom biex joqghod mat-truck.

Fir-rigward tal-konsenja mertu tal-kaz, fil-21 ta' Lulju 2008, fil-15 ta' Lulju 2008 is-sales team tal-Fahrenheit kienu

ghaddewlu korrispondenza minn rapprezentant tal-BAS, certu Marika Boxman, permezz ta' liema email il-BAS riedu jibbukjaw il-*weekly collection* u fejn ukoll tawhom indikazzjoni illi l-volum tal-merkanzija li kellhom jigbru kien ta' 1 *loading metre*. Fl-istess email kien hemm l-indirizz minn fejn kellhom jigbru l-merkanzija u d-dettalji tal-persuna nkarigata minn *Dell Export Operations*. Dan il-volum tax-xoghol ma kienx jirrikjedi trailer shih u ghalhekk hu seta' jorganizza wkoll taghbija ta' xoghol iehor minn bnadi ohra wara li jigbor it-taghbija tal-BAS gewwa t-trailer u fil-fatt huwa baghat trailer b'numru TR 477 ma' xufier Charlot Mallia, impjegat mad-ditta Fahrenheit, biex jigbor dan ix-xoghol. Zerafa qallu wkoll illi kellu jghodd il-kartun kollu ma' rappresentant tad-DHL qabel mal-merkanzija tigi mdawra bil-plastik u tkun *shrink wrapped*.

Huwa qal illi fis-16 ta' Lulju 2008 is-*sales team* regghu ghaddewlu email ohra li kienu rcevew minn ghand id-DHL u cioe certu Jos Leeuwe fejn ikkonferma illi d-driver kien diga wasal fil-facilita' taghhom u li kienu sejrin jghabbu tliet pallets u fejn tawhom ukoll id-daqs ta' dawn il-pallets. Din il-korrispondenza giet annessa u mmarkata bhala Dok. TZ1. Qal ukoll illi meta x-xufier Charlot Mallia wasal ghand id-DHL cempillu u qallu li sab illi l-merkanzija kienet diga' shrink wrapped allavolja kellu jghodd ix-xoghol flimkien ma' DHL. Dakinhar ma kienx inghadd il-kartun dakinhar u d-driver iffirma u ghamel rimarka *"s.t.c."* jigifieri "*said to contain*" fuq il-*Consignment Note*. Dan id-dokument gie anness u mmarkat bhala Dok. TZ2. Fuq struzzjonijiet tieghu, ix-xufier ikkonferma man-nies tad-DHL li dak kien ix-xoghol li kellhom jigbru ghal Malta u huma assigurawh illi huma kienu ghabbew il-kartun fuq *wooden pallets* u ghamlu x-shrink wrapping bil-plastik iswed. Huwa qal li ta' wkoll struzzjonijiet lix-xufier biex jara li l-pallets ma kienux b'xi hsara minn barra u x-shrink wrapping kien intatt u jiehu l-konsenja. Dan hekk ghamel u mbaghad kif tlestiet it-tghabija u gie sigillat it-trailer min-nies tad-DHL fil-presenza tal-istess xufier, huwa qallu biex jibqa' sejjer jghabbi taghbijiet ohra minn ditti differenti fejn diga kellu xufier u trailer minn tieghu stess b'numru TR 735 qed jitghabba b'merkanzija varja. Billi f'dan it-trailer ta' l-ahhar it-tghabija tal-merkanzija kienet fl-istadju avvanzat

hafna huwa qal lid-driver tat-trailer TR 477 biex jitrasferixxi t-3 pallets tal-BAS gewwa t-trailer TR 735 u jerga’ jmur jghabbi xoghol iehor. Kif lesta jghabbi t-trailer TR 735 dan gie ssigillat u ta’ struzzjonijiet lid-driver Anatole sabiex isuq dritt ghal port ta’ Genove sabiex jitghabba fuq il-vapur li kien gej Malta u l-EUROCARGO ISTANBUL. TR 735 tghabba fuq il-vapur minn Genoa fit-19 ta’ Lulju 2008 u wasal Malta fil-21 ta’ Lulju 2008. Dan it-trailer ingabar minn xufier tieghu u ngieb H’Attard fejn inhattet il-merkanzija kollha.

Anthony Zerafa qal illi dakinhar kien hemm rappresentant tal-BAS jistenna sabiex jinhatt ix-xoghol mit-trailer ghal gewwa l-warehouse u ha xi ritratti tal-pallets kif kienu *shrink wrapped*. Imbaghad il-pallets izzarmaw mix-shrink wrapping u l-kartun kollu nghadd. Instab li kien hemm hames kartuniet li suppost kellhom fihom laptops nieqsa. Dan kollu sar fil-presenza tal-istorekeeper taghhom. Hawnhekk ikkonferma li x-xoghol nizel il-mahzen kollu *shrink wrapped* u l-plastik tnehha minn rappresentant tal-BAS.

Huwa sostna illi l-Fahrenheit qatt ma rceviet xi komunikazzjoni minghand il-BAS li d-driver taghna u cioe, Charlot Mallia ma kienx ghadd ix-xoghol meta kien ghand id-DHL kif kien miftihem.

Rat l-affidavit ta’ **Alexander Mallia** pprezentat fit-23 ta’ Mejju 2011, liema dokument immarkat bhala Dok FF 3, fejn iddikjara illi huwa direttur tal-Fehrenheit u lejn Ottubru tal-2007, huwa u s-sales team tieghu kellhom diskussjonijiet ma’ rapprezentanti tal-BAS fuq xi xoghol li dawn xtaqu jgibu minghand l-agent taghhom gewwa l-Olanda bl-isem ta’ DHL ghal klijent taghhom hawn Malta l-Intercomp. Huwa tenna illi dan kien se jkun xoghol ta’ spiss ghax kien jikkonsisti minn ammont sostanzjali ta’ pallets *shrink wrapped* u d-deskrizzjoni tal-merkanzija kienet ta’ *Computer Parts & Accessories*. Din ma kinitx xi haga gdida ghalih ghaliex ta’ spiss kellu merkanzija simili u ghalih kien xoghol bhal xoghol iehor u ghadu sal-lum igorr merkanzija simili. Ghalhekk fil-waqt illi hu accetta li jahdem dan ix-xoghol, bdew diskussjonijiet fuq ir-rata ta’

freight kemm jekk il-BAS ikollhom bzonn trailer shih kif ukoll jekk il-merkanzija kienet toqghod f'parti biss gewwa t-trailer u tingarr bhala groupage.

Mallia qal illi r-rati tal-freight dejjem ikunu marbutin ma' kundizzjonijiet ta' garr, jigifieri mat-*trading terms and conditions* taghhom li huma bilfors iridu jahdmu bihom minhabba li din hija kundizzjoni ta' l-assikurazzjoni taghhom. Dawn it-*trading terms and conditions* jinkludu wkoll is-CMR Convention jigifieri jekk il-garr kien sejjer ikun maghmul bit-trailers, tapplika l-konvenzjoni internazzjonali tal-garr tal-merkanzija fuq it-triq li dahlet bhala ligi wkoll f'Malta.

Huwa kkonferma illi dan ix-xoghol ma kienx eccezzjoni u meta taw ir-rati tal-freight lill-BAS huma avzawhom bil-kundizzjonijiet tal-garr taghhom. Qal illi qablu fuq rati adekwati u l-kundizzjonijiet tal-garr. Huwa zied illi r-rati kienu mahdumin kemm ghal trailer shih kif ukoll fuq rata ta' *loading metres*, jigifieri rata ghal kull metru jimxi (running metres). Huwa spjega li fix-xoghol taghhom ir-rati tal-freight dejjem ikunu mahdumin b'dan il-mod. Huma ftehmu wkoll illi meta l-BAS kienu jridu jgibu din il-merkanzija kellhom javzawhom minn qabel bl-email l-ammont ta' merkanzija u jekk iridux jibbukjaw trailer shih jew inkella groupage biex huma jkunu jistghu jaghmlu l-arrangamenti taghhom minn qabel biex ikunu jistghu jigbru l-merkanzija fiz-zmien li kienu jriduh il-BAS. Min-naha taghhom il-BAS riedu li huma javzawhom bl-isem tax-xufier, in-numru tat-trakk u n-numru tat-trailer li kienu sejrin jibghatu sabiex huma javzaw l-agent taghhom b'dawn id-dettalji.

Huwa stqarr illi d-dokument tal-garr kien jinhareg minn ghand id-DHL u gie ffirmat mid-DHL u x-xufier taghhom meta dan jigbor il-kunsenja. Dan id-dokument mhux dejjem ikun l-istess. Xi drabi d-DHL kienu johorgu dokument li jsejhulu *Air Way Bill* li normalment jintuza ghal garr ta' merkanzija bl-ajru u drabi ohra l-*Consignment Note* li huwa d-dokument normali li jinhareg meta jkun hemm garr tal-merkanzija bit-trailer fuq it-triq. Huwa ma jafx ghaliex id-DHL kienet tohrog dawn id-dokumenti varji

izda meta gibed l-attenzjoni tal-BAS fuq dawn id-dokumenti, huma ma gharfux ituh spjegazzjoni. Huwa dejjem insista mal-BAS illi l-ftehim originali bejniethom dwar il-kundizzjonijiet tal-garr ta’ dan ix-xoghol xorta wahda jibqa japplika. Huwa qal illi r-rati tal-freight ghal garr bl-ajru huma kompletament differenti mill-garr bit-trailers. Fil-fatt il-freight ghal garr bl-ajru huwa ferm ghola pero’ hu kien izid ir-rati tal-freight ghaliex id-DHL johorgu l-*Air Waybill* ghax il-garr kien qed isir bit-trailers. Fuq id-dokument tal-garr kien ikun hemm in-numru tal-kartun li kienu mghobbija fuq il-pallets u diga *shrink wrapped* u d-deskrizzjoni tax-xoghol bhala *Computer Parts and Accessories.*

Alexander Mallia qal illi meta titlesta t-taghbija tal-pallets id-DHL kienet taghti d-dokumenti lix-xufier u dan kien jibghathom mat-trailer jew gieli kienu jaslu max-*Ships bag* fuq il-vapur li kien ikun fuqu t-trailer. Issir din ta’ l-ahhar meta jkollhom hafna dokumenti tal-merkanzija li dawn kienu jingabru mill-agent taghhom gewwa Genova u dan kien iqassam id-dokumenti tal-merkanzija kollha gewwa t-trailers gewwa envelopp kbir bin-numru tat-trailer fuq barra u jghati l-envelopp lill-agent tal-vapur biex dan jinghata lilna meta jasal il-vapur Malta.

L-operations tieghu, Anthony Zerafa, li parti minn xoghlu kien li jiehu hsieb il-gbir tal-merkanzija kif ukoll izomm kuntatt max-xufiera biex jara x’gabru u biex iwassal it-trailers mimlijin sa gewwa l-port ta’ Genova, kien jghidlu li x-xufiera kienu jsibu l-pallets dejjem bix-shrink wrapping lesti ghat-tghabija fuq it-trailer. Ix-xhud sostna illi huwa kien jaghmel enfasi kbira li jekk ix-xufiera jinduna li x-xoghol ikollu xi haga mhux f’loka, jigifieri x-shrink wrapping imqatta’ u x-xoghol jidher imbaghbas, dawn ma jaccettawx illi din il-merkanzija bil-hsara titghabba fuq it-trailers. Jekk id-DHL tibqa’ tinsisti l-merkanzija ma kien fiha xejn hazin, dawn kellhom jaghmlu rimarka fuq id-dokument tal-garr fuq l-istat tal-merkanzija u jiffirmaw hdejn ir-rimarka li jghamlu kif ukoll jiffirma rappresentant tad-DHL. Huwa ddikjara illi ma kellhomx dawn it-tip ta’ problemi.

Ix-xhud tenna illi bdew jahdmu dan ix-xoghol u wara xi zmien kellhom ilment minghand il-BAS illi l-klijent taghhom waqt li kien qieghed jircievi l-pallets *fully shrink wrapped* meta kien qed jiftah dawn il-pallets u jghodd ix-xoghol kien qieghed isib jew kaxxi vojta jew kaxxi neqsin. Huwa ma jiftakarx illi dan l-ilment kienx bit-telefon jew bl-email izda jaf illi meta ccekja max-xufiera tieghu li kienu jkunu qeghdin jistennew biex jinhatt it-trailer ghand il-BAS, dawn ikkonfermawlu illi l-pallets dejjem waslu b'*shrink wrapping* iswed intatt u nstab in-nuqqas meta dan il-plastic tnehha minn madwar ix-xoghol. Huwa stqarr illi kienu jgorru merkanzija tal-BAS kwazi kull gimgha ghal perijodu twil u jahseb li garrew l-fuq minn 1,500 pallet.

Huwa kkonferma illi kull gimgha kien ikollu xi tnejn jew tliet trailers li kien ikun fihom merkanzija tal-BAS, daqqa trailer shih li kien ikun fih xi 24 pallets u daqqa kien ikollu parti minn trailer. Fil-bidu bdew bi ftit pallets izda x-xoghol zdied.

Meta kienu qalulu li bdew isibu l-merkanzija nieqsa, huwa ta' struzzjonijiet illi merkanzija tal-BAS li kienet tingabar gewwa *groupage trailers* tinhatt gewwa l-mahzen taghhom f'Attard minflok gewwa l-mahzen taghhom fil-*Groupage Bond*, Hal Far, biex ikun jista' jara b'ghajnejh kif tkun waslet il-merkanzija. Huwa kkonferma li l-merkanzija dejjem kienet tasal gewwa t-trailers bix-*shrink wrapping* intatt u l-*pallets* dejjem dehru tajbin. Huwa sostna illi meta kien ikollhom trailers mimlijin kollha bil-merkanzija tal-BAS, dawn kienu jinhargu mix-xatt u jitilghu dritt ghand il-BAS jew il-klijenti taghhom. Hawnhekk ma jiftakarx jekk kinux sabu xi nuqqasijiet minn go dawn it-trailers pero' jahseb illi iva ghax l-ilment li kienu ghamlulu l-BAS kien b'mod generiku u ma specifikawx mil-liema tip ta' garr kienu qeghdin isibu n-nuqqas. Rappresentanti tal-BAS kienu anki gew gol-mahzen taghhom f'Attard meta kienet sejra tasal u tinhatt il-merkanzija taghhom minn gewwa groupage trailers u dawn ikkonfermaw b'ghajnejhom stess illi l-merkanzija kienet tasal intatta.

Huwa sar jaf ukoll illi rappresentanti tal-BAS u l-klijent taghhom hawn Malta kienu telghu ghand id-DHL izda ma

kinux staqsewh biex jitla' maghhom. Pero' wara li gew lura, kellu laqgha mal-BAS fejn dawn qalulu li kienu ftehmu mad-DHL biex ma jaghmlux ix-shrink wrapping qabel max-xufiera taghhom kienu ghaddew il-kartun li suppost kien fihom *Laptops* fuq il-pallets flimkien ma' rappresentant tad-DHL u n-numru tal-kartun kien jaqbel mal-ammont li kien imnizzel fuq id-dokument tal-garr. Imbaghad wara li jsir dan l-ghadd tal-kartun, l-istess pallets kellhom jigu *shrink wrapped* u jitghabbew gewwa t-trailer. Spjega illi x-shrink wrapping ma kienx isir fl-istess post fejn kien isir l-ghadd tal-kartun u ma kienx isir fil-presenza tax-xufier taghhom. Fl-opinjoni tieghu, dan jispjega ghaliex, ghalkemm bdew jahdmu b'din is-sistema fejn ix-xufier taghhom kien jghodd il-kartun ghal habta ta' Mejju jew Gunju tal-elfejn u tmienja xorta wahda l-BAS qalulu li kienu qeghdin isibu n-nuqqas.

Huwa tenna li ghal habta ta' Lulju, il-BAS qalulu li ma ridux ikomplu jgibu dan ix-xoghol maghhom minhabba dan in-nuqqasijiet kollha mill-merkanzija izda hu qalilhom li dawn in-nuqqasijiet ma kienux min-naha tieghu izda bilfors minn min kien qieghed jippakja x-xoghol ghaliex il-pallets dejjem wassluhom bix-*shrink wrapping* intatt, xi haga li huma u l-klijent taghhom ma setghux jinnegaw.

Mallia qal illi jaf b'diversi konsenji li saru lill-Intercomp minn BAS u fejn ma kinitx involuta l-kumpanija Fahrenheit Freight Forwarders Limited, u dawn instabu li kellhom nuqqasijiet fihom. F'dan is-sens huwa annessa kopja tal-atti rilevanti mill-processi ta' zewg kawzi li hemm pendenti l-Qorti bhalissa li dawn gew immarkati bhala Dok. AM1 u AM2.

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Debono** tal-24 ta' Mejju, 2011 fejn iddikjara illi l-istruzzjonijiet li rceviet il-Fehrenheit kienu sabiex jiznu l-merkanzija li tkun ppakkjata mill-istess socjeta' Antlas u l-inkarigu kien biex jigbru l-merkanzija u jwassluha sal-Marsa. Id-dokumentazzjoni tal-garr jiehdu hsiebhom id-DHL u jigu ghand il-Fehrenheit biss meta jmorru jigbru l-merkanzija. Huwa qal li l-ewwel nies li jarawhom huma tal-Fehrenheit. F'dan il-kaz meta n-nies tal-Fehrenheit marru jigbru l-merkanzija, din ma kinitx

palletized u dan ghax huma kienu taw struzzjonijiet lil Fahrenheit, kemm il-bicca ta' kompjuter kellhom jigbru. Huwa pprometta li jesebixxi dokumentazzjoni relattiva fis-seduta li jmiss.

Ix-xhud gie mistoqsi jekk jafx minn hu Ryan Abdilla qal li jafu u li huwa mpjegat taghhom. Xoghol Ryan Abdilla kien li jmur ghand il-Fahrenheit biex jghoddu l-ammont ta' kompjuters li jkunu waslu. Dan ix-xoghol ikun rah biss meta jkun Malta. Ix-xhud sostna li ma jafx fejn kellu jsir ix-shrink wrapping f'dan il-kaz. Suppost ikun hemm xi forma ta' release mill-BAS ghal Fahrenheit. L-uniku kawza li ghandha l-BAS hija mal-Fahrenheit. Huwa kkonferma li ghandhom kawza ohra pendenti fuq kwistjoni simili mal-Air Malta.

In kontro-ezami nhar it-22 ta' Gunju, 2011, **Kevin Grech** xehed fejn gie muri dokument a fol 31 tal-process u kkonferma li huwa ffirmat minnu. Huwa kkonferma illi mill-konsenja kien hemm numru ta' kaxxi neqsin kif indikat f'dan id-dokument. Huwa jaqbel illi l-konsenja waslet ghandhom bhala shrink wrapped pallets. Mistoqsi jekk ix-shrink wrap tkun imqatta' innizilx nota jew le, qal illi x-shrink wrapped qatt ma ddahhal imqatta'. Ix-xhud sostna illi dan ix-shrink wrap huwa ta' kulur iswed plain u s-security ma jkunx hemm fuqu.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Debono** fejn in kontro-ezami fit-22 ta' Gunju, 2011 iddikjara illi huma taw struzzjonijiet lil Fahrenheit biex imorru gewwa d-depot tad-DHL gewwa l-Olanda u jigbru l-merkanzija li kienet diga shrink wrapped. Huwa tenna li l-konsenja jkollha l-invoice bl-affarijiet ta' go fiha. Ma kienx l-inkarigu ta' Fahrenheit biex tghodd in-numru ta' pallets li kellha tigbor. Huma l-agenti tad-DHL hawn Malta, qal illi huma ghandhom kawza ohra bhala BAS kontra l-Air Malta fejn kien hemm nuqqasijiet apparti dawn li kellhom kontra l-Fahrenheit.

Rat in-nota tas-socjeta' kjamata fil-kawza Fahrenheit Freight Forwarders Limited li permezz taghha esebiet ix-xhieda moghtija minn **Raymond Borg** fil-kawza fl-istess ismijiet bhal dik odjerna bl-Avviz Numru 930/2008

pendenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-seduta tas-26 ta’ Mejju 2010. F’din ix-xhieda, Borg iddikjara illi huwa sales commercial manager mas-socjeta’ konvenuta. Ix-xoghol tieghu huwa bbazat fuq is-sales u huwa jipprova jiltaqa’ mal-klijenti sabiex ibieghhilhom il-pakkett ‘l aktar li jkun komdu ghalihom sabiex jattirhom biex jahdmu maghhom. Huwa kkonferma li l-Intercomp hija wahda mill-klijenti taghhom.

Huwa stqarr illi l-Intercomp kienet taghmel ordnijiet minghand Dell u mbaghad wara li ssir l-ordni, kienu jghaddulhom l-order number, u tramite l-agenti taghhom id-DHL, il-merkanzija kienet tingabar minghand id-Dell. Il-velting kien isir minn DHL u mbaghad is-socjeta’ konvenuta kienet tinkariga s-subcontractors taghhom sabiex igibu l-merkanzija lejn Malta. Generalment huma kienu juzaw sistema ta’ trasport permezz ta’ bahar u kien ikollhom full load fuq il-vapuri, pero’ mbaghad peress illi kien hemm domanda minn naha tal-klijenti tal-Intercomp, li riedu l-merkanzija kemm jista’ jkun malajr, kienu talbuhom sabiex jadottaw sistema ta’ trasport permezz ta’ trailers u ghalhekk huma addottaw sistema ohra u sa dak iz-zmien qatt ma’ kellhom problema dment li t-trasport kien qed isir permezz tal-bahar.

Ix-xhud tenna illi huma bdew jinnegozjaw f’dan ir-rigward mas-socjeta’ Freight Forwarders Limited, peress li l-Intercomp kienu klijenti tas-socjeta’ konvenuta, huma kellhom l-obbligu li jinfurmawhom rigward dawn it-trattattattivi u kienu jzommuhom informati u sa meta mbaghad waslu ghal ftehim bdew jahdmu mal-Freight Forwarders biex igibulhom il-merkanzija tramite t-trailers.

Ix-xhud sostna illi huma bdew jahdmu mal-Freight Forwarders pero’ ma jiftakarx jekk kienx mill-bidu nett jew aktar tard, pero’ eventwalment kien hemm diversi drabi fejn bdiet tasal il-merkanzija bin-nuqqasijiet. Huma bdew jinkwetaw minhabba dak li kien qed jigri u kien iltaqa’ kemm il-darba ma’ rapprezentanti ta’ Freight Forwarders tal-Fahrenheit sabiex jaraw x’seta’ kien il-kagun ta’ dawn il-problemi. Eventwalment iddeciedew ukoll li jitilghu l-Olanda sabiex jezaminaw il-process mill-bidu sa l-ahhar

sakemm titwassal il-merkanzija hawn Malta sabiex ikollhom hands on information dwar x’kien qed jigri. Huwa sostna illi ma kienx jaf x’qed jigri min-naha ta’ Fahrenheit pero’ kkonferma illi n-nuqqasijiet baqghu ghaddejjin u baqghu isibuhom fil-merkanzija.

Huwa tenna illi huma setghu jissorveljaw il-process sal-mument illi l-merkanzija tingabar mit-trailer tal-Fahrenheit, jinghalqu l-bibien, jigi ffirmat is-CMR u t-trailer jitlaq. Huma kienu prezenti sakemm il-merkanzija tingabar mid-DHL, cioe’ mill-mahzen tad-DHL, imbaghad kienu jkunu prezenti wkoll waqt li jsir il-palleting ghand id-DHL. Zied jghid ukoll illi huma kienu b’xi mod ikkoordinaw illi kienu prezenti waqt li kien hemm l-ordnijiet biex jingabu Malta.

Huwa stqarr illi bejn id-DELL u d-DHL peress illi jahdmu id f’id regolarment hemm is-sistema ta’ standing order illi jkun hemm trakk li jitla’ u jinzel kuljum fuq bazi regolari. Generalment li jigri huwa t-trailer jiddokja fil-mahzen tad-Dell, tingabar il-merkanzija u cioe’ l-ordni li tkun saret, jigi ssigillat, jinzamm rekord tas-sigill u mbaghad dawn imorru fil-mahzen ta’ DHL fejn l-istess trailer jiddokkja hemmhekk, jigi vverifikat jekk is-sigill huwiex l-istess wiehed, jinfetah u hemmhekk imbaghad isir scanning tal-merkanzija individwalment sabiex dawn jittellghu fuq il-computer, isir cross-check sabiex jigi stabbilit u kkonfermat jekk filfatt l-ordni hijiex l-istess u jekk hijiex ugwali ghal dak li tkun informathom id-Dell li saret ghandha.

Ix-xhud kompla jghid illi wara li din l-ordni u l-cross check issir, dawn jitpoggew f’area li tinzamm ghal merkanzija li trid tingab hawn Malta u ssir il-palleting f’dak il-hin; u dan bhala palleting isir permezz ta’ shrink wrap iswed. Huwa stqarr illi wara ma setax jidhol kwalsiasi persuna fil-mahzen ta’ DHL. Is-sistema li tigi adoperata hija li huma jinghataw informazzjoni, f’dan il-kaz il-Fahrenheit, dwar l-isem u l-ID number tal-persuna li tkun qed issuq it-trakk u kif ukoll bin-numru tat-trakk.

Huma mbaghad kienu jghaddu din l-informazzjoni lil tad-DHL li jghaddu l-informazzjoni lis-security taghhom sabiex

malli jasal dan it-trakk ikun awtorizzat awtomatikament biex jidhol fil-mahzen taghhom. Din il-procedura kollha huma segwewha minuta b'minuta ghaliex kienu prezenti. Infatti qal li huwa kien prezenti ma' Ian Wirth. Huma ma kienu raw xejn li ma kienx qed jiffonzjona fil-mod ta' kif kienet qed tingabar din il-merkanzija u allura baqaw bl-istess sistema, pero' hadmet darba/darbtejn u regghu bin-nuqqasijiet fil-merkanzija. Il-klijent taghhom kien kuntent ukoll ghaliex ma kienx jirrizulta illi kien hemm xi problema.

Huwa tenna illi huma kienu jafu s-sistema ta' supply chaining kienet tibda mid-Dell tghaddi ghal DHL, imbaghad hemm il-Fahrenheit u fl-ahhar kien hemm is-socjeta' konvenuta. Huma raw illi ma kellhomx kontroll u fejn il-Fahrenheit ma kinetx qed taghtihom feedback ta' x'setghet taghmel ahjar sabiex jigu evitati dawn in-nuqqasijiet, huma ddecidew li l-ahjar haga fic-cirkostanzi kien li jnehhu l-Fahrenheit u jissostitwuh b'service provider iehor u fil-fatt hekk ghamlu, u qal illi sal-gurnata tal-lum qatt ma kellhom problemi. Meta fil-fatt kienu jahdmu mal-Fahrenheit kien qed ikollhom problemi ta' nuqqas ta' merkanzija in kontinwu.

Hafna min-nuqqasijiet kienu jisibuhom bhala groupage, pero' sa fejn kien jiftakar meta huma waslu biex jitterminaw il-kuntratt minn mal-Fahrenheit irrizulta li kien hemm hafna nuqqasijiet u sa fejn jiftakar kien full load trailer. Huwa kemm-il darba tkellem mar-rapprezentanti tas-socjeta' Fahrenheit li kienu Sandro u Tony sabiex jaraw jekk setghux isolvu l-problema. Pero' sostna illi ma kien hemm l-ebda inizzjattiva u tentattivi da parti taghhom biex isolvu s-sitwazzjoni. Kien biss wara li huma itterminawlhom il-kuntratt u inkarigaw lil haddiehor li huma riedu jitkellmu maghhom.

Ix-xhud Raymond Borg in kontro-ezami qal illi l-merkanzija minn Dell kienet tintbaghat ghand id-DHL sfuzi, imbaghad min-naha tad-DHL kienu jiskenjawhom wiehed wiehed sabiex eventwalment imbaghad isir il-palleting. Qal illi peress li s-service provider kien imur ghand id-DHL darba f'gimgha, il-merkanzija kienet tibqa' sfuza ghand id-DHL bil-presenza ta' security taghhom, imbaghad

eventwalment ikun isir il-palleting. Huwa qal illi mbaghad il-palletting isir permezz ta' sheet wrap iswed u ma' jkun hemm l-ebda tip ta' identifikazzjoni fuq il-plastik u l-plastik kien jiddawwar mal-erba' nahat.

Ix-xhud sostna illi fir-rigward tal-groupage container, qal illi huma sempliciment ikunu jafu l-hin li ghandu jmur, u jekk jigbor xi merkanzija qabel taghhom jew wara ma jidhlux fiha. Huma qatt ma' dahlu fil-kwistjoni f'liema kien il-hin u l-istadju mill-mument tal-merkanzija tal-Intercomp kienet titpogga fil-container. Huwa kkonferma illi qatt ma vverifikaw f'liema stadju, il-merkanzija kienet tidhol fil-groupage container ghaliex gieli kien hemm drabi fejn jaghtuhom informazzjoni bit-trailer number, b'liema persuna u mbaghad jasal trailer iehor b'numri ohra kompletament differenti.

Huwa zied jghid illi r-wrapping tal-plastik ikun issiljat tajjeb tant illi jkun hemm bzonn illi jinqata' permezz ta' sikkina. Ix-xhud tenna illi huwa kien informa lir-rapprezentanti tal-Fahrenheit li kien ser jitla' l-Olanda sabiex janalizza s-sistema li kienet qed tigi adoperata, u jekk xtaqu huma ma kien hemm l-ebda problema li jitilghu u jakkumpanjawhom sabiex jaraw huma wkoll. Pero' qal ukoll illi ma jiftakarx jekk stedinhomx biex jitilghu maghhom jew le.

Din il-procedura kollha li spjega x-xhud mill-mument li ssir l-ordni minghand l-Intercomp sakemm il-merkanzija titwassal Malta hija l-istess, u dejjem giet adoperata ghal kwalsiasi merkanzija u ordni li tkun saret. Ix-xhud ikkonferma illi huwa dejjem kien prezenti meta tasal il-merkanzija hawn Malta. Huwa ma kienx ikun prezenti sabiex jezamina l-procedura li giet adoperata sabiex waslet il-merkanzija f'dan il-kaz partikolari. Il-B.A.S., meta jsir l-ordni jiddependi fuq il-volum tax-xoghol, imbaghad minn hemm jigi analizzat jekk jaqbilx li l-merkanzija tingabx bhala full load trailer jew inkella bhala groupage. Huwa kkonferma illi fil-fatt hija l-B.A.S. li tikkonferma mal-Fahrenheit u taghtiha l-go ahead sabiex tadopera l-mod ta' kif ghandha tingab il-merkanzija hawn Malta. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi meta jmur id-driver tal-Fahrenheit, il-merkanzija tkun palleted go shrink wrap u jkun hemm

indikat ezatt x'jikkontjeni l-kontenut tal-istess pallet. Huwa kkonferma illi set to be contain jigi ndikat fis-CMR u fuq ix-shrink wrap ma jkun hemm l-ebda tip ta' marki jew simboli ta' xi haga.

Huwa zied jghid li dwar il-konsenna li huma marru jivverifikaw u jissolveljaw il-process kollu, qal illi ma jafx jekk f'dik il-konsenja kien hemmx xi nuqqasijiet.

Ix-xhud gie muri dokument a fol 16 tal-process u kkonferma illi f'dak id-dokument ma rrizultax illi hemm il-kliem "set to contain", imma hemm in-numru tal-kaxxa u dan huwa ahjar; filfatt gie ffirmat ghal dak l-ammont ta' kaxxi. Huwa sostna illi jekk gieli ffirma x-xufier, din kienet problema tieghu. Huwa kkonferma illi s-sistema adoperata mid-DHL hija li huma jaghtu l-konsenja u l-ordni li hija diga' shrink wrapped u jghadduhom u jikkonsenjawhom f'dan l-istat.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Ryan Abdilla xehed** nhar il-5 ta' Ottubru 2011 fejn spjega illi huwa jahdem bhala shipping clerk mas-socjeta' konvenuta u kkonferma li l-e-mail markata bhal Dok MT1446 giet mibghuta minnu lil Vince Micallef li huwa il-manager tieghu fis-socjeta' B.A.S. Ltd. u kkonferma li r-ritratti esebiti ma' din l-email gew mehuda minnu personalment. Huwa sostna li din il-merkanzija ra personalment ghand il-Fahrenheit fl-istat kif inhi murija fir-ritratti. Meta qal li sabu tlett *palettes wrapped in black tape intact*, huma kienu kif inhuma murija fir-ritratti.

Mistoqsi ghaliex uza l-kelma intact meta effettivament jidher li l-boroz kienu mghqattin inwiegeb li bil-kelma intact ma ridtx infisser, *shrink wrapped*, jigifieri kif inhuma murija fir-ritratti bil-qtugh fuq il-parti ta' fuq. Ikkonferma pero' li verament ghoddew il-kaxxi u sabu numru neqsin. Biex jaraw il-kontenut tal-palettes kellhom jizmantelaw, innehhu il-packing jghodduhom u jaraw jekk jaqblux mal-packing lists. Huwa kkonferma li llum il-gurnata ma tantx jiftakar wisq fuq dan il-kaz. Mistoqsi jekk effettivament ir-ritratti bdewx johduhom meta bdew jaghmlu x-xoghol u nehhew il-packing qal li ma jiftakarx. Huwa stqarr pero' li

security tape ma’ dan il-plastic ma’ kienx hemm. Ikkonferma kif jidher fir-ritratt esebit f’fol 48, li l-plastic kien miftuh fil-packing fuq in-naha ta’ fuq. L-inkarigu tieghu kien sabiex jghodd il-kaxxi u jqabbilhom mal-packing lists u dak kollu li ghamel. Il-packing list huwa dokument li jindika n-numru tal-kaxxi li ordnaw minghand is-supplier biex jigi Malta u sussegwentament jara jekk effettivament dik l-istess ordni gietx kollha hawn Malta. Ghalhekk kellu jiccekja jekk il-merkanzija li gabet il-Fahrenheit taqbilx mal-packing list. Malli ghamel dan l-ezercizzju il-Fahrenheit taghthom dokument sabiex jiffirmah, naturalment huma jghaddu dan l-istess dokument lura lill-Fahrenheit. Mistoqsi jekk izommux kopja ta’ dan id-dokument qal li suppost ikollhom, ghalkemm gieli l-Fahrenheit mhux dejjem tawhom. Ma jafx jekk ghandhomx kopja f’dan il-kaz partikulari.

Rat illi nhar il-5 ta’ Ottubru 2011 xehdet **Marica Boxman** fejn iddikjarat illi hija tahdem mal-B.A.S. Ltd. Giet murija dokument JG1 a fol 67 tal-atti u qalet li dan huwa e-mail, huwa booking taghha lill-Fahrenheit Ltd. Naturalment infurmathom, fejn talbithom, biex jigbru l-collection u bhala verifikazzjoni dwar il-loading metres. Hija sostniet li f’dan l-istadju ix-xoghol ma kienx ghadu lest ghall-collection u ghalhekk huma taw il-loading metres. Sussugwentament meta x-xoghol ikun palettised huma jaghtuhom il-loading metres finali. Hija stqarret li effettivament hekk ghamillu f’dan il-kaz ukoll, u huma kienu ghamlu hekk ghaliex il-Fahrenheit kien jitlobhom biex huma jkunu jafu kemm hemm bzonn spazju fil-container. Ghalhekk l-istruzzjoni taghhom hija li l-Farhenheit tmur tigbor il-merkanzija li hemm fuq il-loading metres u ezattament jigu infurmati kemm ikun hemm loading metres qabel ma’ jsir il-loading per se’. Il-palettising isir fl-imhazen ta’ DHL. Hija kkonfermat li kien hemm ftehim ma’ DHL mill-boss taghha sabiex il-palettising isir b’mod ta’ shrink wrapped. Dan il-ftehim sar tramite il-boss taghha.

Rat illi nhar il-5 ta’ Ottubru 2011 xehed ukoll **Mario Debono** fejn ikkonferma li socjeta’ Fahrenheit kienet giet maqbuda minn ghandhom bhala *carriers* tal-konsenja u dan naturalment min naha taghhom is-socjeta’ B.A.S.

Huwa qabel ukoll illi l-*conditions of carriage* huma skont CMR Conditions. Huwa stqarr li l-istruzzjonijiet kienu sabiex imorru gewwa d-depot ta' DHL gewwa l-Olanda biex jigbru l-merkanzija li kellha tigi shrinked wrapped.

Rat illi **Alexander Mallia** xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u qal li meta l-merkanzija tigi shrink wrapped ried ifisser li tigi shrink wrapped bhal merkanzija murija fir-ritratti esebiti a fol 48 et seq ghalkemm qal li gieli kellu it-tape madwaru ukoll ghaliex meta jinqala' it-tape jinqata' il-plastic. Mistoqsi jekk qatt rax l-e-mail esebita a fol 46 iwiegeb fin-negattiv u tenna li qatt ma kien raha qabel.

Ikkonferma li dan il-kaz kellhom struzzjonijiet sabiex id-driver jghodd in-numru ta' pallettes li kien ser jghabbi kif effettivament kien ghamel Mallia id-driver kif jirrizulta mid-dokument li iffirma a fol. 78. Skont ma qal dan Mallia, ghaliex hu ma kienx prezenti, in-numru ta' palettes li huwa ghabba huwa hemm indikat. In-numru ta' kaxxi tal-kartun li huwa ghabba huwa indikat f'dan id-dokument. Huwa minnu li x-xoghol telaq mil-Olonda fuq it-trailer TR417 u qal li mill-Olanda ix-xoghol telaq fuq trailer numru TR 417 ghal warehouse u mbaghad meta wasal fil-warehouse gie mpoggi fi trailer iehor numru TR 735. Spjega li jingabar hafna xoghol minn depots diversi u dan ix-xoghol jittiehed fid-depot taghhom l-Olanda u imbaghad jitpogga go trailer differenti minn dak li jkun wasal u cioe' fit-trailer li ser ikun ser iwassal dak ix-xoghol Malta. Naturalment is-seal tat-trailer jigi mibdul ukoll.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta' attrici seduta stante nhar is-6 ta' Gunju 2012 kif ukoll n-noti ta' sottomissonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza u tas-socjeta' konvenuta ipprezentati nhar l-1 ta' Awwissu 2012 u nhar id-29 ta' Awwissu 2012 rispettivament.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Intercomp Marketing Limited qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti ihalsu is-somma pretiza fir-rikors promotur fl-ammont ta' tlett

elef, mitejn u tmenin Ewro u sitta u tletin centezmu (€3,280.36)lis-socjeta' assikuratrici attrici Atlas u lis-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) rapprezentanti id-danni sofferti minnhom u dan peress illi is-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limntied kienet issurrogat lis-socjeta' Atlas Insurance fid-drittijiet taghha wara li l-istess socjeta' Intercomp Marketing Limtied kienet giet imhalsa ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha fir-rigward tal-claim li ghamlet. Illi s-socjeta' konvenuta kif imsemmi aktar 'il fuq fost affarijiet ohra wiegbet li ma hix responsabbli ghad-danni sofferti minnha u talbet il-kjamata in kawza tas-socjeta' Fahrenheit Limited li minn naha taghha eccepiet li mhix il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti jekk effettivament gewx kagunati danni, u jekk kien hemm danni, min ikkaguna dawn l-istess danni u konsegwentement min hu responsabbli li jhallas l-istess.

**Provi**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta u mhux in dubitata jew kontestat mill-partijiet li is-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta BAS Limited sabiex igorrilha xi merkanizja mill-Olanda u twassalha sal-mahzen taghha hawn Malta. Jinghad li din il-merkanizja kienet tikkonsisti f'numru ta' computers u skond is-survey mahrug mis-socjeta' attrici Atlas Insurance jirrizulta li kien hemm tliet Dell Vostro 1510 Lap Tops b'valur ta' tmien mija u hamsin Dollaru u sebgha u erbghin centezmu ($850.47) 'l wiehed u zewg Dell Latitude Lap Tops b'valur ta' elf u hamsa u tmenin Dollaru u sitta u tmenin centezmu ($1085.86) 'l wiehed. Ghalhekk il-claim tas-socjeta' attrici Intercomp kienet ghall-ammont ta' tlett elef mitejn u tlettax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€3,213.36). Pero' oltre dan is-socjeta' attrici hallset l-excess fl-ammont ta' mitejn u tieta u tletin Ewro (€233) u is-socjeta' attrici Atlas hallset is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) ghas-survey esebit fl-atti a fol. 20 mmarkat bhala Dok BV 1. Gara pero' li s-socjeta' konvenuta BAS Limited qabdet lis-socjeta' kjamata in kawza Fahrenheit Limited

sabiex igorr din il-merkanzija u fil-fatt kien ir-rapprezentant ta' din l-istess socjeta' ahharija li waslet il-konsenja li kienet kollha '*shrink wrapped'* gewwa l-imhazen tas-socjeta' Intercomp Marketing Limited kif jirrizulta mid-*delivery receipt* esebita fl-atti a fol. 31 mmarkata bhala Dok BV 6 hemm indikat li effettivament kien hemm hames laptops neqsin fil-konsenja li waslet nhar l-23 ta' Lulju 2008. Jirrizulta ukoll minn ezami tad-dokument a fol. 30 mmarkat bhala Dok BV 5 li s-socjeta' Intercomp Marketing Limited kienet gharfet lis-socjeta' konvenuta nhar il-25 ta' Lulju 2008 u cioe' jumejn wara li effettivament kien hemm nuqqas fil-konsenja u in effetti l-istess socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited baghtet id-dokumentazzjoni kollha relattiva lill-istess socjeta' konvenuta. Jirrizulta ukoll li s-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance kienet interpellat lis-socjeta' konvenuta BAS Limited sabiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnha u sabiex taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Minnufih is-socjeta' konvenuta cahdet ir-responsabbilita' taghha qua carrier ghalkemm bla pregudizzju offriet settlement a bazi tas-CMR conditions f'ammont inferjuri (vide dok BAS a fol. 33 a' l-atti).

Dwar il-fatti per se ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni izda il-kwisjtoni principali hija min hu responsabbli ghad-danni jekk hux is-socjeta' konvenuta u/jew is-socjeta' kjamata in kawza.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal zewg sentenzi moghtija fl-istess ismijiet fuq imsemmija illum stess Rikors Numru 82/2009 CSH u Rikors Numru 99/2009 CSH dwar il-konsiderazzjonijiet tad-dritt applikabbli ghal dan il-kaz u ghalhekk sejra tirriproduci l-istess hsieb taghha hemm deskritt f'din is-sentenza stante li l-kwistjoni *in ballo* hija identika' salv ghall-ammont mitlub, il-fatti pero' huma identici u jikkoncernaw l-istess natura ta' merkanzija.

**Kunsiderazjonijiet legali**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li s-socjeta' assigurata mas-socjeta' attrici u cioe' is-socjeta' Intercomp Marketing Limited inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex iggorr il-merkanzija in kwistjoni go *trailer* mill-warehouse

fornitura tal-kompjuters Dell gewwa l-Olanda  ghal hawn Malta, u dan abbazi ta' kuntratt ta' garr li jidher esebit *inter alia* a fol 23 et seq tal-process, liema ftehim kif hemm specifikatament indikat, il-partijiet fuq indikati u kontraenti qablu li jkun suggett ghall-provizzjonijiet ezistenti fil-*Convention on the Contract for International Goods by Road* (Geneva, 19 ta' Mejju 1956) maghrufa ahjar bhal s-**CMR Rules**.

Illi fil-fatt kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Alfred Grima noe vs Saviour Mifsud noe</u>**" (A.K.  27 ta' Dicembru 1991 – Vol LXXIII.ii.648):

*"Biex il-konvenzjoni tapplika l-partijiet iridu jkunu espressament ftehmu hekk.  Dan il-principju huwa segwit f'diversi sistemi guridici ... ... u l-Qorti tal-Kummerc, b'riferibilment ta' dawk li huma maghrufa bhala The Hague Rules, irritjena l-istess principju fis-sentenzi "***<u>Avukat Dr Austin Sammut noe et noe  vs Vivienne Bianch et noe</u>***" tat-3 ta' Mejju 1990 u l-"****<u>Avukat Dr Austin Sammut noe et vs James G Gollcher et noe</u>****" tal-10 ta' Mejju 1990."*

Illi f'dan il-kaz, jidher car li l-partijiet specifikaw illi tali relazzjoni taghhom u ta' bejniethom kellha tigi regolata bl-imsemmija **CMR Rules**, u ghalhekk ovvjament isegwi li d-determinazzjoni ta' responsabbbilita` *o meno*  tas-socjeta' konvenuta fil-kawza odjerna ghandha tigi deciza abbazi ta' tali regoli, *stante* li tali regoli huma nkorporati fil-ftehim bejn l-istess partijiet u ghalhekk jaghmlu stat fil-konfront tal-istess.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-merkanzija indikata ma twaslitx shiha mis-socjeta' konvenuta, kif hija obbligat ruhha li taghmel *verso* s-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited, fid-destinazzjoni taghha hawn Malta u ghalhekk jidher li s-socjeta' konvenuta ghandha tirrispondi ghall-istess nuqqas abbazi tal-principju kostanti enuncjat f'diversi sentenzi fosthom **"<u>Reginald Micallef nomine vs Godwin Abela nomine</u>*"*** (A.K. 16 ta' Marzu 1992 – LXXV.ii.430) u **"<u>Marianno Sare' vs Antoine Ellul</u>"** (A.C. 12 ta' Gunju 1953 – XXXVII.i.197) fejn inghad li:

*"Id-debitur jibqa' dejjem responsabbbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti sakemm ma jipprovax li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li huwa jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni imqabdin minnu".*

Illi pero' dan il-principju fuq enuncjat irid jigi kkunsidrat fid-dawl tal-provvedimenti tac-**CMR Rules** li l-partijiet jaqblu (stante li hemm referenza ghal dawn ir-regoli fin-noti rispettivi taghhom) li ghandu japplika ghall-kaz *de quo,* u fil-fatt **Artikolu 3** tal-istess jipprovdi li:

*"For the purposes of this convention the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own".*

Illi mbaghad l-**Artikolu 17** tal-istess **CMR Rules** jipprovdi li:

*"1. The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*

*2. The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

*3. The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful*

*act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter."*

Illi l-**Artikolu 18** jipprovdi illi:

*"1. The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the specified in Article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier."*

Illi ghalhekk huma abbazi ta' dawn ir-regoli li dan il-kaz ghandu jigi deciz, bil-konsegwenza li r-responsabbilita` tas-socjeta' konvenuta hija estiza u limitata skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess regolamenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta' kjamata fil-kawza sabiex tigbor il-merkanzija deskritta fid-dokument esebit fl-atti a fol. 25 minn gewwa warehouse DHL Danzas & Ocean fl-Olanda, tghodd il-kaxxi li kien hemm fuq kull pallet. Taf pero' li l-*packing* ma kienx imqatta' u li l-merkanzija kienet *sealed (*vide xhieda ta' Raymond Borg fol 52 et seq*)*. Jinghad li s-socjeta' kjamata in kawza giet imqabbda mis-socjeta' konvenuta ghalkemm il-kuntratt tal-garr li sar mis-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited sar esklussivament mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk ir-relazzjoni li kien hemm ezistenti bejn is-socjeta' konvenuta u is-socjeta' kjamata in kawza hija estraneja ghas-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited. Isegwi ghalhekk li abbazi tal-istess rizultanzi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li d-danni reklamati mis-socjeta' Intercomp Marketing Limited huma naxxenti mill-istess relazzjoni kontrattwali.

Illi s-socjeta' konvenuta qed targumenta li l-hsara u n-nuqqasijiet riskontrati graw meta l-istess merkanzija kienet fil-pussess tal-kjamata fil-kawza u li ghalhekk l-istess socjeta' kjamata in kawza ghandha tinzamm responsabbli tal-istess danni *di fronte* ghas-socjeta' attrici.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta u dan peress li jirrizulta mhux kontestat li r-relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-*International Consignment Note* hija dik bejn is-socjeta' attrici u s-

socjeta’ konvenuta abbazi ta’ relazzjoni kuntrattwali hemm milhuqa. Il-fatt li l-istess socjeta’ konvenuta inkarigat lis-socjeta’ kjamata in kawza sabiex iggorr l-istess merkanzija, ma jfissirx li l-istess socjeta’ kjamata in kawza b’hekk holqot relazzjoni guridika u kontrattwali mas-socjeta’ attrici u dan anke in vista tal-fatt li l-inkarigu tas-socjeta’ konvenuta sar direttament u esklussivament mas-socjeta’ konvenuta u mkien mill-istess ftehim jew mix-xhieda prodotta ma jirrizulta li s-socjeta’ attrici tat il-kunsens taghha sabiex is-socjeta’ konvenuta tinkariga terzi sabiex igorru l-istess merkanzija.

Illi kif inghad fis-sentenza **“<u>Benjamin Bonnici nomine vs Francis Vella et nomine</u>”** ( Citaz. Numru. 1083/92/JF - P.A. F. 30 ta’ Ottubru 2000):

*“Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta’ attrici* (f’dan il-kaz s-socjeta’ assikurata) *u s-socjeta’ konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz - minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta’ attrici* (f’dan il-kaz is-socjeta’ speditrici) - *m’ghandux ikun ta’ impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta’ attrici (*aqra ghal dan il-kaz s-socjeta’ assikurata) *ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta’ konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur … ... kif kienet tenuta li taghmel … … ... Il-konvenuti nomine ma rnexxilhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur … ... ... ta’ l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien ‘res inter alios acta’ u n-norma applikabbli f’kaz bhal dan hija dik li ‘pacta tertiis nec presunt nec nocent’”.*

Illi fis-sentenza “**<u>Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd”</u>** (P.A (RCP) 23 ta’ Ottubru 2001) fejn saret referenza ghas-sentenza fuq citata inghad ukoll:

*“Illi huwa rilevanti li f’dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza*

*persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabbilita' tal-konvenut fil-konfront tal-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata. ("**Mamo vs Abela nomine**" - A.C. 4 ta' Frar 2000).*

*Illi dawn il-principji kollha japplikaw ghall-kaz in kwistjoni stante li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta' garr ta' merkanzija mill-Ingilterra ghall-Malta kien proprju dak bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera indikata fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta hija estraneja ghall-posizzjoni tal-attur f'din il-kawza."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dawn il-principji fuq ennuncjati japplikaw anke fil-kaz in kwistjoni nono*stante* l-applikazzjoni tas-**CMR Rules** ghall-kaz odjern, ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti m'hemm xejn fl-istess konvenzjoni li jezonera r-responsabbilita` tas-socjeta' konvenuta bhala *carrier* li hija assumiet fil-konfront tas-socjeta' attrici, cioe' dik l-obbligazzjoni li twassal l-istess merkanzija mill-Olanda ghal Malta. Illi dan huwa hekk anke ghaliex l-unika relazzjoni li s-socjeta' kjamata in kawza kellha kienet dik bejnha u bejn l-istess socjeta' konvenuta, liema relazzjoni *di fronte* ghas-socjeta' attrici hija *res inter alios acta*, apparti li l-istess relazzjoni hija regolata bil-polza ta' karigu u mhux bl-imsemmija regoli.

Illi stabbilit il-premess, is-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha qed tecepixxi li *ai termini* tal-**Artikolu 17(2) tas-CMR Rules** fuq citat hija m'ghandiex tinzamm responsabbli peress li n-nuqqas u l-hsara fl-istess merkanzija grat "*through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent*".

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-awtur **Malcom A. Clarke** fix-xoghol tieghu intitolat **International Carriage of Goods by Road CMR** (2nd Edition pg 355), li jsostni li:

*"For the defence of unavoidable circumstances, as the name suggests, the evidence must disclose a cause that was the unavoidable cause of the loss, damage or delay. At first sight, the description of the defence suggests loss, damage or delay which could not have been avoided by the carrier, something quite literally, inevitable. However, in England, the defence of unavoidable circumstance is not read literally. It does not require absurd or extravagant measures of the carrier, but that the circumstances causing loss, damage or delay could not be avoided by the exercise of "utmost care" on the part of the carrier."*

Illi s-socjeta' konvenuta abbazi ta' dak fuq imsemmi tghid li hija ma kellhiex kontroll fuq il-merkanzija li kienet ser tingarr u ghalhekk ma hix responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba n-nuqqas li nstab fil-konsenja u ghalhekk tezisti fil-konfront taghha *unavoidable circumstances* li b'hekk tezonerha minn kwalunkwe responsabbilita` ghar-rigward tal-istess nuqqasijiet.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma tali sottomissjonijiet fl-ewwel lok ghaliex il-fatt li s-socjeta' konvenuta inkarigat minn jedda lill-terzi sabiex igorru l-istess merkanzija ma tezonerax lill-istess socjeta' konvenuta mir-responsabbilitajiet taghha *di fronte* tas-socjeta' attrici stante li fil-konfront tal-istess hija assumiet l-obbligazzjoni li twassal l-istess merkanzija sal-punt jew destinazzjoni miftehma, u ghalhekk hija tirrispondi ghan-nuqqasijiet ta' terzi imqabbda minnha unilateralment dejjem fil-konfront tal-istess socjeta' assikurata.

Illi f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghas-sentenza "***"Paul Musu` et vs Francis Vella nomine"*** (A.C. 4 ta' Dicembru 1998 - LXXXII.ii.1336) fejn inghad li:-

*“Din il-Qorti allura ma tistax ma taccettax il-konkluzjoni ta’ L-Ewwel Qorti li s-socjeta’ konvenuta ma rnexxiliex tezimi lilha nfisha mir-responsabbilita’ ghall-akkadut. Mhux biss, indubbjament ghax ir-relazzjoni guridika diretta kienet biss bejn l-attur nomine u s-socjeta’ konvenuta, in kwantu hu ma din is-socjeta’ li kien finalizzat il-kuntratt ta’ trasport; mhux biss ghaliex imkien ma jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta b’xi mod … … … … … ottjeniet il-kunsens taghha (*ghas-subappalt moghti) *imma ukoll ghaliex hu adegewatament ippruvat li s-socjeta’ kjamata fil-kawza* (it-terz) *inkarigata mis-socjeta’ konvenuta kienet ghal kollox inadempjenti fir-rigward tar-responsabbilitajiet taghha bhala trasportatur li tassigura li l-merkanzija fdata f’idejha kontra kull riskju bhal dak li kkaguna d-danni reklamati f’din il-kawza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta s-sottomissjoni li dak li gara kien incident li sehh indipendentement mill-volonta’ tas-socjeta’ konvenuta … … Ma tistax taccetta li kien kaz fortuwitu fejn l-appellant nomine seta’ jinvoka l-principju ‘casus sentit dominus’.”*

Illi dan il-principju ennuncjat fil-gurisprudenza nostrali jinsab ikkonfermat fl-**Artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni** fejn jinghad li l-“*carrier shall be responsible for the acts or ommissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or ommissions where his own”.*

Illi minn dan isegwi li anke kieku jigi ritenut li n-nuqqasijiet u hsara fil-merkanzija gew riskontrati meta din kienet fil-kustodja tas-socjeta’ kjamata in kawza (li f’dan il-kaz lanqas ma jirrizulta) huwa car li ghal tali nuqqasijiet, ghandha tinzamm responsabbli *di fronte* tas-socjeta’ attrici l-istess socjeta’ konvenuta stante li din hija l-unika relazzjoni kontrattwali ezistenti bejn il-partijiet li dahlu fl-istess ftehim, u l-istess socjeta’ konvenuta tirrispondi ghan-nuqqasijiet ta’ terzi minnha imqabbda li jirraprezentaw lilha u ghalhekk tiddikjara li hija l-legittimu kontradittur tas-socjeta’ attrici.

Illi fit-tieni lok mill-fatti kif proposti f'din il-kawza jirrizulta li kien hemm nuqqas serju fil-kustodja tal-istess affarijiet waqt li dawn kienu mizmuma fil-warehouse gewwa l-Olanda. Ma jirrizultax li s-socjeta' kjamata in kawza li kienet giet inakrigata biex iggorr din il-merkanzija kellha xi mezz sabiex tikkontrolla jew tivverifika dak li kienet ser igorr rigward il-kwantita' o meno. Ma jidhirx li kien hemm possibilita' li tghodd il-kaxxi li kien hemm f'kull pallet sabiex tivverifika jekk dak li kienet ser tghabbi jirrispettax dak li kien hemm miktub fl-invoice. Kollox kien *a fait accompli* ghas-socjeta' kjamata in kawza u ghalhekk ghal dan in-nuqqas zgur li trid twiegeb ghalih is-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta tibqa' responsabbli hija ghall-istess merkanzija *di fronte* tas-socjeta' attrici u ghalhekk responsabbli wkoll ghall-atti ta' negligenza u traskuragni kommessi mill-persuni minnha nkarigati.

Illi *in oltre* minn imkien ma jidher li s-socjeta' konvenuta ippruvat, dak li skond il-konvenzjoni huwa l-oneru taghha li tipprova, li kieku giet applikata l-attenzjoni necessarja u kura ragjonevoli li wiehed jistenna minn depositarju jew trasportatur tal-oggetti, tali nuqqas u serq kien xorta jsehh. Illi anzi mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta li kieku l-istess trasportaturi fil-bidu tal-vjagg ghamlu xogholhom sew u vverifikaw il-konsistenza o meno tal-merkanzija kif suppost u kif mistenni skond il-grad ta' *bonus pater familias,* tali serq ma kienx isir jew almenu seta' jigi dirett lejn il-partikolar b'mod aktar facili. Il-fatt li l-istess socjeta' konvenuta tammetti li kellha hafna claims fuq nuqqas ta' konsenji mas-socjeta' kjamata in kawza jimponi obbligu akbar da parti tas-socjeta' konvenuta u t-terzi nkarigati minnha li joqghodu aktar attenti sabiex jissalvagwardjaw l-istess merkanzija ghall-perikoli li huma jidhru li minhabba l-mistier taghhom huma kienu ben konoxxenti taghhom.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-kaz tas-socjeta' konvenuta huwa aggravat mill-fatt li skond l-**Artikolu 29 tal-istess CMR Rules** jipprovdi li :-

*"1. The carrier shall not be entitled to avail himself of the provisions of this chapter which exclude or limit his*

*liability or which shift the burden of proof if the damage was caused by his willful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seized of the case, is considered as equivalent to willful misconduct.*

*2. The same provision shall apply if the willful misconduct or default is committed by the agents or servants of the carrier or by other persons of whose service he makes use of for the performance of the carriage … ...".*

Illi fil-fatt fis-sentenza gja citata **"<u>Paul Musu' vs Francis Vella et</u>"** (A.K. 4 ta' Dicembru 1998 – LXXXII.ii.1336) inghad illi:

*"Din il-Qorti taccetta s-sottomissjonijiet ta' l-appellat nomine li, anke li kieku kellu jigi pruvat li tapplika s-CMR Convention fil-kaz in ezami, l-artikolu 29 taghha jeskludi il-limitatazzjoni tar-responsabbilita' tal-Carrier f'kazi fejn dan juri 'wilful misconduct jew equivalent default. "Issa gie ritenut (ara Malcolm Clerk, "International Carriage of Goods by Road" illi din (l-equivalent default) must be weighed by the lex fori" – jigifieri l-ligi Maltija".*

Illi kwantu ghar-responsabbilita' tal-kjamata fil-kawza apparti il-fatt li r-relazzjoni tal-istess hija biss mas-socjeta' konvenuta, li jista' jkollha dritt ta' rivalsa kontra taghha, din hija regolata bejn l-istess socjeta' konvenuta u l-istess kjamata fil-kawza *ai termini* tal-polza ta' karigu ta' bejniethom, liema responsabbilita' testendi biss ghad-durata tal-vjagg u dan sal-punt meta l-istess merkanzija tigi mhotta u konsenjata lis-socjeta' attrici. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li tali hsara saret f'dan l-istadju, izda biss f'xi hin qabel ma ingabret mill-istess socjeta' kjamata in kawza u cioe' fil-hin meta l-istess merkanzija kient qed tinzamm fid-depot l-Olanda, u ghalhekk l-ebda responsabbilita' ma tista' tigi attribwita lill-istess socjeta' kjamata fil-kawza. Illi ghalhekk fil-konfront tas-socjeta' attrici l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata fil-kawza ghandha tigi milqugha u konsegwentement tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan minghajr il-htiega li din

il-Qorti titratta l-eccezzjonijiet l-ohra taghha, filwaqt li tiddikjara li hija s-socjeta' konvenuta li ghandha tinzamm responsabbli ghal tali nuqqas.

Illi una volta din il-Qorti stabbiliet li kienet is-socjeta' konvenuta li ghandha tirrispondi ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici jispetta lil din l-istess Qorti sabiex tistabilixxi il-valur tad-danni hekk sofferti. Ghar-rigward tad-danni ikkaggunati jirrizulta li l-valur tal-merkanzija nieqsa kienet dik ta' tlett elef, mitejn u tlettax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€3,213.36) skond kif rapportat fis-survey maghmul mis-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance oltre l-ispejjez ta' tlett mitt Ewro (€300) rapprezentantti il-hlas tas-survey report u s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) li huwa l-excess li hallset is-socjeta' Intercomp Marketing Limited lill-istess socjeta' attrici Atlas Insurance mal-ftuh tal-claim.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta f'dan il-kaz il-Qorti ssostni illi l-agir tas-socjeta' konvenuta jekwivali ghal *wilful misconduct* fit-termini ta' l-imsemmi **Artikolu 29 (1) CMR** u kwindi l-ammont ta' danni minnha sofferti m'ghandux jigi limitat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Bowman noe vs Anthony Mizzi et noe et"** (P.A. (TM) 20 ta' Marzu 2003), il-Qorti qalet illi:

*"mhux kull ordinament guridiku ghandu kuncett ta' "willful misconduct", u kull stat kien, allura, invita jaddotta kuncett li hu simili ghal dan u li huwa parti tas-sistema guridika tieghu. Il-Qorti ta' Cassazzione ta' Franza, b'decizjoni moghtija fit-8 ta' Jannar, 1974, osservat li, fil-kuntest tas-sistema Franciza, dik il-frazi ghandha tirreferi ghal negligenza grassa (faute lourde), u sabet lid-driver hati ta' din it-tip ta' negligenza meta baqa' diehel fuq wara ta' trailer iehor, li kien qed isuq quddiemu fl-istess lane bhal tieghu. F'kazijiet ohra, il-Qrati Francizi dejjem uzaw dan it-test ta' faute lourde, u hekk, per ezempju, il-Qorti tal-Appell ta' Parigi, f'decizjoni moghtija fis-17 ta' Frar, 1973, osservat li kien hemm negligenza kbira meta ddriver ha wisq tul ta' zmien biex jaghmel il-vjagg, halla l-*

*merkanzija mhux adegwatament moghttija waqt li kien niezel is-silg, u rrifjuta li jaghmel konsenja bejn is-26 ta' Dicembru u t-3 ta' Jannar.Din il-Qorti tikkondividi dan it-taghlim u tekwepara 'willful misconduct' ma negligenza grassa."*

Illi bl-istess mod, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Limited nomine vs Express Trailers Limited"** (18 ta' Mejju 2005) qalet illi *"anke fis-sistema legali Malti dan il-kuncett tal-gross negligence jew faute lourde mhux aljen ghalina, u allura fejn jokkorri dan, konsimilment ghas-sistema Franciza, fil-kaz in specje, u fejn jokkorri, jista' jigi adoperat b'ekwivalenza ghal 'dolo' jew 'wilful misconduct."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Atlas Insurance Limited pro et noe vs Concorde International Freight Forwarders Limited"** (A.I.C (P.S) - 3 ta' Ottubru 2007) inghad li:

*"Fil-fattispeci, is-sottrazzjoni jew trafugament tal-merkanzija turi nuqqas ta' dik l-akkortezza rigoruza fid-diligenza tas-socjeta' appellanti u allura din il-Qorti, ankorke kellha tintrattjeni ruhha mid-difiza tal-limitazzjoni tar-responsabbilita` ventilata mis-socjeta' appellanti, ma tarax kif tista' leggerment taccetta illi l-kwantum tad-danni jigi limitat in relazzjoni mal-piz tal-merce, meta hu hekk apparenti, fil-fattispeci, illi kien hemm negligenza, razenti l-wilful misconduct jew dik ta' l-equivalent default, li teskludi din id-difiza."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-agir jew ahjar in-nuqqas ta' agir ta' *bonus pater familias* mis-socjeta' B.A.S. Limited li tiehu dawk il-mizuri necessarji li kellha tiehu sabiex jigi evitat kull hsara jew serq tal-merkanzija li taghha kienet responsabbli jirrizulta f'negligenza grossolana ekwivalenti ghal "wilful misconduct" li jirrendi l-limitazzjoni tar-responsabbilta' ikkontemplata fl-**Artikolu 23 (3) CMR** inapplikabbli ghall-kaz odjern. F'dan is-sens huma wkoll is-sentenzi **"Compunet Limited vs B.A.S. Limited"** u **"B.A.S. Limited vs Fahrenhiet Freight Fowarders Co. Ltd"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Gunju 2010). Minhabba dan ir-raba eccezzjoni tas-socjeta' intimata qed tigi michuda.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li hija fis-sens li japplikaw il-limiti t htija a tenur tar-regolamenti tas CMR jinghad li s-socjeta' rikorrenti trid tipprova l-*quantum* tad-danni minnha reklamati, il-Qorti sejra titrattaha f'dan l-istadju una volta li stabbilit il-kwistjoni tar-responsabbilita'. Din l-eccezzjoni ghandha tigi wkoll michuda stante li n-nuqqas tal-istess merkanzija jirrizulta mis-survey esebit a fol. 20 li bl-ebda mod ma gie kontradett mis-socjeta' konvenuta jew is-socjeta' kjamata in kawza u dan fl-ammont ta' tlett elef mitejn u tlettax–il Ewro u sitta u tletin centezmi (€3,213.36) rapprezentanti l-claim li sar mas-socjeta' assikuratirci fuq in-nuqqas li kien hemm fil-konsenja, mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) l-valur tal-excess li gie imhallas mis-socjeta' Intercomp Marketing Limited sabiex fethet il-claim u s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) rapprezentanti il-hlas li sar ghas-survey li in toto jammontaw ghal tlett elef, sebgha mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u tletin centezmi (€3,746.36).

**Konsegwentement din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza u tiddikjara li mhix il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici u konsegwentement tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnha u tiddikjara li qed tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta peress illi tiddikjara li hija is-socjeta' konvenuta li hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetajiet attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' Intercomp Marketing Limited is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) li hija halset meta fethet il-claim mas-socjeta' assikuratrici Atlas Insurace Limited u tikkundannha thallas lis-socjeta' attrici Atlas Insurance is-somma ta' tlett elef, hames mija u tlettax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€3,513.36) rapprezentanti il-claim u hlas tas-*survey report*.**

**L-ispejjez tal-kawza huma kollha a karigu tas-socjeta' konvenuta kif mitluba fir-rikors promotur, *kif ukoll l-imghax b'effett mid-data tal-hlasijiet relattivi.****

**kliem mizjud b'digriet moghti fit-3 ta' Ottubru 2012 fuq rikors tal-atturi pprezentat fl-20 ta' Settembru 2012*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------